**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Novembru 2018**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 63/2017JZM**

**Victoria Cassar**

***kontra***

**1. Avukat Generali ;**

**2. Joseph Degabriele bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fil-11 ta` Awwissu 2017 li jaqra hekk :–

***Il-kawza civili***

*Illi fis-sena 1993, ir-rikorrenti pprezentat kawza civili fl-ismijiet "Victoria Cassar et vs. Carmel Schembri bhala Chairman in rapprezentanza tal-Port Workers Board" (Citazzjoni Numru 1560/93) li biha kienet talbet lill-Qorti:*

*1) tordna lill-konvenut nomine biex ma jimpjega lill-ebda persuna bhala haddiem tal-port biex jimla` l-post vakat minn missier l-attrici;*

*2) tordna lill-konvenut nomine biex ihalli lill-attrici tirregistra ufficjalment isimha fil-ktieb tal-haddiema prospettivi tal-port;*

*3) tillikwida kwalsiasi danni li tista` ssofri l-attrici kemm-il darba l-konvenut nomine idahhal xi persuna sabiex jimla l-post vakanti li halla missierha meta irtira;*

*4) tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attrici d-danni kollha likwidati rizultanti mit-talba precedenti;*

*u dan bl-ispejjez.*

*Illi b`sentenza preliminari moghtija fis-7 ta` Mejju 1999 l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:*

*"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza in parte billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine illi l-attrici tilfet kull beneficcju li talvolta seta` kellha minhabba li naqset li tottempera ruhha mar-Regolamenti tal-Bord b`mod partikolari li tapplika lill-awtorita` kompetenti tempestivament fiz-zmien statutorjament stabbilit. Dana bl-ispejjez ghall-konvenut. Il-Qorti taghti zmien ta` xahar lill-attrici biex tipprocedi bir-rikors appositu ghad-dikjarazzjoni ta` l-inkostituzzjonalita` tar-regolamenti taht ezami abbazi ta` diskriminazzjoni minhabba sess, u thalli l-kawza `sine die`*

*riappuntabbli b`rikors minn xi parti ukoll pendenti l-ezitu ta` dawk il-proceduri."*

*Ir-rikorrenti ghaddiet biex tipprezenta kawza kostituzzjonali ai termini tal-precitata sentenza.*

***<u>Il-proceduri kostituzzjonali precedenti</u>***

***(1) <u>Is-sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali)</u>***

*Illi b`sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta` Ottubru 2000 fil-kawza Rikors Kostituzzjonali Numru 706/99 RCP fl-ismijiet "Victoria Cassar vs. Awtorita` Marittima ta` Malta, Carmel Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bord dwar il-Haddiema tal-Port, Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali u ghal kull interess li jista` jkollu l-Ministru responsabbli ghall-Portijiet" gie dikjarat u deciz:*

*"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li tichad ir-risposti tal-Prim Ministru, tal-Avukat Generali u tal-Awtorita` Marittima, taqta` u tiddeciedi, billi tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti kif ser isegwi:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Artikolu 13 tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) u l-Artikoli l-ohra tar-Regolamenti li jaghmlu referenza ghas-sess maskili biss u cioe` r-regolamenti numri 14, 16 u 17, jilledu d-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti protetti mill-Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 marbut ma` l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu joholqu diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess, b`dan li kull distinzjoni fuq il-bazi ta` l-istess ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett.*

*2. Tiddikjara null u bla effett l-Artikolu 13 tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) u dawk l-Artikoli*

*kollha l-ohra tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) fuq indikati Regolamenti numri 14, 16 u 17 u dan biss inkwantu li jaghmlu diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess.*

*3. Tordna lill-intimat Carmel Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port ihalli lir-rikorrenti tirregistra bhala haddiem tal-Port fir-Registru tal-Haddiema tal-Port b`effett retroattiv mid-data ta` l-1 ta` Awissu 1992 b`mod li jigu sodisfatti r-rekwiziti tar-Regolament 11 (3) ta` l-istess Avviz Legali 90 tal-1993.*

*Spejjez a karigu ta` l-intimati."*

## *2. __Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali__*

*Illi b`sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta` Novembru 2001 fl-istess ismijiet, is-sentenza tal-qorti ta` l-ewwel istanza giet ikkonfermata u gie deciz kif gej :*

*"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej :*

*a) tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta` l-appell incidentali billi kien qed jigi rigettat l-appell principali u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez ta` l-appell incidentali jibqghu a karigu ta` l-appellata;*

*b) tirrigetta l-appell principali bl-ispejjez kontra l-appellanti;*

*c) tikkonferma s-sentenza appellata b`dan illi ghall-fini tal-kjarezza t-tielet paragrafu tad-Decide ghandu jinftiehem fis-sens illi l-ordni moghti lill-intimat Carmelo Schembri nomine kien illi jhalli lir-rikorrenti appellata tirregistra bhala persuna eligibbli biex tigi konsidrata bhala Haddiem tal-Port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xoghol ;*

*d) bl-ispejjez tal-Prim`Istanza jibqghu kif gia` minn dik il-Qorti decizi, cioe` kontra l-intimati.*

*Kopja ta` din is-sentenza ghandha tigi notifikata lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ai termini ta` l-Artikolu 242 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili."*

*Illi l-Onorabbli Qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet important :*

*"Din il-Qorti tifhem illi f`sitwazzjoni daqstant evidenti u wara li l-processi gudizzjarji, bl-attenzjoni anke pubblicitarja li dawn involvew, u wara l-gudikati tal-meritu anke jekk fi prim`istanza, l-Istat kellu indikazzjoni cara illi din kienet diskriminazzjoni li kellha tigi rikonsidrata u rimedjata. Ma kienx allura l-kaz illi ssir difiza ta` sistemi ta` xoghol kjamarament diskriminatorji fuq bazi ta` sess. Kien ghall-kuntrarju l-kaz illi tali diskriminazzjoni tigi rikonoxxuta minghajr il-htiega ta` certifikat ta` din il-Qorti u l-attenzjoni kollha fokata biex tinstab soluzzjoni gusta ghall-partijiet socjali kollha li pero` telimina kull xorta ta` diskriminazzjoni bazata fuq sess. Din il-Qorti jidhrilha illi jkun hela ta` zmien biex tipprova tirribatti s-sottomissjoni ta` l-appellanti illi l-limitazzjoni ta` <u>l-eligibbilita`</u> ghas-sess maskili f`dan il-kaz kienet b`xi mod `gustifikabbli f`socjeta` demokratika` fit-termini ta` l-Artikolu 45 (4) (d) tal-Kostituzzjoni. Din id-difiza ma tistax ma titqiesx fic-cirkostanzi anakronistika u maqtugha mir-rejalta` ta` zminijietna. Din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tieqaf hawn u tichad l-appell principali ghal dawn ir-ragunijiet imma wkoll ghar-ragunijiet validi konsidrati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza elaborata taghha."*

*Illi bil-konferma tas-sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), il-Qorti Kostituzzjonali sabet illi d-diskriminazzjoni kontra l-mara tammonta wkoll ghal trattament degradanti u ghalhekk kien hemm ksur ta` l-artikolu 3 meta abbinat ma` l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

***<u>Tkomplija tal-kawza civili wara l-ezitu kostituzzjonali</u>***

*Illi b`sentenza tal-14 ta` Novembru 2012 l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg talbiet tal-attrici u laqghet it-tielet u r-raba` talbiet tal-attrici u konsegwentement :*

*1) Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Victoria Cassar minhabba l-agir riskontrat tal-konvenut nomine fl-ammont ta` €799,168.00;*

*2) Tikkundanna lill-konvenut nomine fuq indikat biex ihallas l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti lill-atturi Victoria u Raymond konjugi Cassar kif fuq gia` debitament indikat;*

*3) Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-istess konvenut nomine u bl-imghaxijiet legali sal-effettiv pagament.*

*Minn dik is-sentenza appella l-konvenut nomine li talab li tithassar is-sentenza u tigi michuda t-talba attrici, jew fin-nuqqas tigi ridotta s-somma flus akkordata bhala danni, u appellat incidentalment ukoll l-attrici li talbet l-awment ta` dik is-somma.*

***<u>Is-sentenza finali tal-Qorti ta` l-Appell</u>***

*Illi b`sentenza tas-26 ta` Mejju 2017, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonkludiet u ddecidiet hekk :*

*"Dan l-aggravju ghalhekk huwa akkolt u din il-Qorti ma ssibx li l-appellat nomine kien responsabbli ghad-danni li qed tallega li sofriet l-appellata. Stabbilit dan, ma hemmx lok li l-Qorti tezamina l-kumplament tal-appell principali u lanqas l-appell incidentali.*

***<u>DECIZJONI</u>***

*"Ghalhekk il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tilqghu, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet attrici akkolti fl-istess sentenza – l-ispejjez taz-zewg istanzi – hlief dawk gia` decizi u li ghaddew in gudikat – ikunu bla taxxa bejn il-partijiet stante c-cirkostanzi tal-kaz u n-novita` tal-kwistjoni."*

***Il-lanjanzi odjerni***

*Illi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tivvjola l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta li jiggarantixxi harsien minn diskriminazzjoni, inkluz fuq bazi ta` sess, kif ukoll diversi artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom l-artikolu 6 (1) dwar id-dritt ghal smigh xieraq u dwar id-dritt ghal smigh fi zmien ragonevoli; l-artikolu 13 dwar id-dritt ghal rimedju effettiv; l-artikolu 1 tal-Protokoll 1 dwar id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti; u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat ma` l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*Illi minkejja li gie ddikjarat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali illi r-rikorrenti attwalment sofriet vjolazzjoni tad-dritt taghha ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess, kif jirrizulta minn sentenzi li ghaddew in gudikat, l-Onorabbli Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza fil-kawza civili li permezz taghha gew likwidati d-danni sofferti mir-rikorrenti u ddikjarat li r-riikorrenti ma haqqha tircievi l-ebda danni.*

*Illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta` Mejju 2017 mhix kompatibbli mill-gudikat emess mill-Qorti Kostituzzjonali, u dan in kwantu l-Qorti tal-Appell kienet obbligata tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali. Minflok ma rrispettat id-decizjoni li ddikjarat li kien jezisti stat ta` vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ghad-detriment tar-rikorrenti, li ormai ghaddiet in gudikat, il-Qorti tal-Appell iddecidiet illi r-rikorrenti ma haqqha tircievi ebda danni.*

*Illi galadarba r-rikorrenti kienet giet iddikjarata vittma ta` ksur tad-dritt fondamentali ghall-harsien minn diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess, dik id-decizjoni kienet torbot lill-intimat nomine, li kien parti f`dawk il-proceduri*

*kostituzzjonali u ma setax jinheles mill-konsegwenzi tad-decizjoni antikostituzzjonali mehuda minnu – anke jekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma kenitx taqbel mad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.*

*Illi ladarba r-rikorrenti kellha tassew status ta` "vittma" ta` ksur tad-dritt fundamentali ghall-harsien minn diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess, ir-rikorrenti kellha dritt inaljenabbli ghal risarciment tal-hsara li sofriet bl-applikazzjoni ta` dak ir-Regolament antikostituzzjonali fil-konfront taghha.*

*Illi l-kwistjoni dwar il-hsara u pregudizzju sofferti mir-rikorrenti kienet ormai sorpassata bil-gudikat tat-2 ta` Novembru 2001 u l-ebda Qorti ma kienet libera li tiddipartixxi minnha. Difatti l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali rriteniet bi kliem car kif gej :*

*"Din il-Qorti tifhem illi f`sitwazzjoni daqstant evidenti u wara l-processi gudizzjarji, bl-attenzjoni anke pubblicitarja li dawn involvew, u wara l-gudikati tal-meritu anke jekk fi prim`istanza, l-Istat kellu indikazzjoni cara illi din kienet diskriminazzjoni li kellha tigi rikonsiderata u rimedjata. Ma kienx allura l-kaz illi ssir difiza ta` sistemi ta` xoghol kjarament diskriminatorji fuq bazi ta` sess. Kien ghall-kuntrarju l-kaz illi tali diskriminazzjoni tigi rikonoxxuta minghajr il-htiega ta` certifikat ta` din il-Qorti u l-attenzjoni kollha fokata biex tinstab soluzzjoni gusta ghall-partijiet socjali kollha li pero` telimina kull xorta ta` diskriminazzjoni bazata fuq is-sess."*

*Illi d-decizjoni dwar l-istat ta` antikostituzzjonalita` u l-istatus ta` vittma ta` ksur tad-drittijiet fondamentali kienet akkwistat il-privilegg ta` "pro veritate habetur". Ghalhekk, id-decizjoni li waslet ghaliha l-Onorabbli Qorti tal-Appell bis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 2017 effettivament zmantellat il-gudikat u rriteniet illi hija –*

*"Kellha l-ewwel tistharreg x`responsabbilita` kellu l-konvenut u x`ness kien hemm – jekk kien hemm – bejn l-azzjonijiet tal-appellant u d-danni li qed tallega li sofriet l-appellata."*

*Illi meta r-rikorrenti adixxiet lill-organi kostituzzjonali ta` pajjizna u l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ddikjarat null ir-regolament fuq bazi ta` sess*

*wara li rriteniet illi r-Regolamenti in kwestjoni jilledu d-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti protetti mill-Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali rrimarkat hekk:*

*"Din il-Qorti jidhrilha illi jkun hela ta` zmien biex tipprova tirribatti s-sottomissjoni ta` l-appellanti illi l-limitazzjoni ta` l-egibbilita` ghas-sess maskili f`dan il-kaz kienet b`xi mod "gustifikabbli f`socjeta` demokratika" fit-termini ta` l-Artikolu 45 (4) (d) tal-Kostituzzjoni. Din id-difiza ma tistax ma titqiesx fic-cirkostanzi, anakronistika u maqtugha mir-rejalta` ta` zminijietna."*

*Illi l-intimat nomine ddikjara permezz ta` Nota fl-atti tal-kawza civili numru 1560/93 illi l-post vakat minn missier ir-rikorrenti kien inghata lil Joseph Abela, li beda jahdem bhala haddiem tal-port fit-2 ta` Jannar 1994. Dan meta missier ir-rikorrenti, Carmelo Abela, irtira mix-xoghol bhala haddiem tal-port fl-1 ta` Awissu 1992 bl-eta`.*

*Illi stante li kull vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tammonta ghal "tort" u stante li l-meritu rigwardanti r-registrazzjoni tar-rikorrenti bhala haddiem tax-xatt giet irrimedjabbilment pregudikat meta l-post vakat minn missierha Carmelo Abela, minflok ma nghata lilha, inghata lil hu missierha Joseph Abela fit-2 ta` Jannar 1994, kien fadal li jigu likwidati d-danni sofferti mir-rikorrenti, in kwantu r-responsabbilita` ta` l-Istat kienet gia` giet stabbilita.*

*Illi t-thassir effettiv ta` "res judicata" hu fih innifisu vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq.*

*Illi ghaldaqstant, is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta` Mejju 2017 fil-kawza civili numru 1560/93 fl-ismijiet "Victoria Cassar et vs. Carmel Schembri noe", tilledi s-segwenti drittijiet fundamentali:*

*1) id-dritt taghha ghal harsien minn diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess (**Artikolu 45** tal-Kostituzzjoni ta` Malta) in kwantu l-pronuncjament*

*solenni maghmul mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-konfront taghha gie effettivament injorat u ngab fix-xejn b`rizultat tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-26 ta` Marzu 2017;*

*2) id-dritt ghall-harsien minn diskriminazzjoni li tammonta wkoll ghal trattament degradanti, u ghalhekk kien hemm ksur ta` l-**Artikolu 3** meta abbinat ma` l-**Artikolu 14** tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

*3) id-dritt ghal smigh xieraq (**Artikolu 6 (1)** tal-Konvenzjoni Ewropeja) in kwantu fiz-zgur irrevokat "res judicata" billi ddecidiet illi r-rikorrenti ma kien haqqha tircievi l-ebda kumpens;*

*4) id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti (**Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll** tal-Konvenzjoni Ewropeja) in kwantu hija tilfet id-danni likwidati gudizzjarjament fl-ammont ta` EUR 799,168.00 wara d-dikjarazzjoni illi kienet sehhet fil-konfront taghha vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ghall-harsien minn diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess, li wasslet ghal dak it-telf finanzjarju;*

*5) id-dritt tar-rikorrenti ghal rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali (**Artikolu 13** tal-Konvenzjoni Ewropeja) in kwantu r-rimedju miksub mir-rikorrenti bis-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ttiehed lura lilha b`rizultat tal-pronunzjament mill-Onorabbli Qorti tal-Appell illi l-konvenut nomine ma kienx responsabbli ghad-danni.*

*Illi f`dan il-kaz, l-Istat kien responsabbli kemm minhabba "tort" civili, imwettaq mill-Port Workers Board, kif ukoll minhabba ksur tad-drittijiet fundamentali taghha mwettaq mill-Istat li ppermetta li jigi u jibqa` fis-sehh ir-Regolament antikostituzzjonali li kien jikkonsentixxi anakronistikament diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess, u kkawza danni lir-rikorrenti. Dan apparti l-ksur tar-`reasonable time requirement` da parti tal-Qrati.*

*Illi barra minn hekk, il-proceduri gudizzjarji mibdija fis-sena 1993 gew fi tmiemhom fis-sena 2017, u fil-kaz ta` proceduri gudizzjarju li jdumu*

*pendenti 24 sena, id-dewmien eccessiv huwa `res ipsa loquitur`. Ghalhekk, ir-rikorrenti sofriet ukoll vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli minhabba l-ksur tar-"reasonable time requirement" (**Artikolu 6 (1)** tal-Konvenzjoni Ewropeja). Dan, meta l-Istat kellu evidenza cara dwar l-ezistenza ta` diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess li kienet tirrikjedi li tigi rikonsiderata u rimedjata, kif sewwa gie ritenut mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha twettaq u tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali taghha hawn fuq indikati dettaljatament, tiddikjara li hija regghet sofriet vjolazzjonijiet godda tad-drittijiet fundamentali taghha hawn fuq indikati u tordna l-hlas lilha ta` kumpens xieraq li jikkomprendi mhux biss il-hlas tad-danni li gew likwidati gudizzjarjament u ttiehdu lura lilha b`rizultat ta` sentenza leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, izda wkoll danni non-pekunjarji ossija danni morali.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati.*

Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fil-<u>25 ta` Settembru 2017</u> li taqra hekk :-

1. *Illi din il-kawza hija naxxenti minn proceduri civili li r-rikorrenti intavolat kontra l-Port Workers Board (**Victoria Cassar et vs Carmel Schembri nomine,** 1560/1993 SM) minhabba li hi ma setghetx tirregistra bhala haddiema tal-port wara li missier ir-rikorrenti rtira mix-xoghol bhala l-haddiem tal-port u dan peress li l-ligi ma kienitx tippermetti illi ulied bniet tal-haddiem in kwistjoni jimlew il-post vakat minn missierhom izda dan id-dritt kien jintiret biss mill-ulied subien.*

2. *Illi fil-proceduri civili l-esponenti kienet talbet lill-Qorti sabiex:*

*i. "Tordna lill-konvenut nomine biex ma jimpjega lill-ebda persuna bhala haddiem tal-port biex jimla` l-post vakat minn missier l-attrici;*

*ii. Tordna lill-konvenut nomine biex ihalli lill-attrici tirregistra ufficjalment isimha fil-ktieb tal-haddiema propsettivi tal-port;*

*iii. Tillikwida kwalsiasi danni li tista` ssofri l-attrici kemm-il darba l-konvenut nomine idahhal xi persuna biex jimla` l-post vakanti li halla missierha meta rtira;*

*iv. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attrici d-danni kollha likwidati rizultanti mit-talba precedenti."*

3. *Illi b`decizjoni parzjali tas-7 ta` Mejju 1999, il-Prim` Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi l-ligi ma kienitx tippermetti registrazzjoni minn wild tas-sess femminili u ghaldaqstant idderigiet lir-rikorrenti sabiex tipprocedi b`rikors ghall-dikjarazzjoni inkostituzzjonalita` tar-regolamenti in kwistjoni abbazi ta` diskriminazzjoni minhabba sess filwaqt illi ssoprasediet il-gudizzju finali sakemm jigi deciz il-kwezit kostituzzjonali.*

4. *Illi fid-dawl ta` dik id-decizjoni ir-rikorrenti pprezentat kawza kostituzzjonali fl-ismijiet **Victoria Cassar vs Awtorita` Marittima ta` Malta, Carmel Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bord dwar il-Haddiema tal-Port, Onorevoli Prim Ministru, u l-Avukat Generali u ghal kull interess li jista` jkollu l-Ministru responsabbli ghall-Portijiet** 706/99 RCP fejn talbet lill-Qorti :*

i. *"Tiddikjara u tiddeciedi illi l-artikolu 13 tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 tal-1993) u l-artikoli l-ohra tar-Regolamenti li jaghmlu riferenza ghas-sess maskili biss, jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti protetti mill-artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 marbutin mal-artikolu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu joholqu diskriminazzjoni fuq bazi tal-istess;*

ii. *Tiddikjara null u bla effett l-artikolu 13 tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) u dawk l-artikoli kollha l-ohra tar-Regolamenti tal-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) u li jaghmlu diskriminazzjoni fuq bazi tal-istess;*

iii. *Taghti kull rimedju iehor necessarju w opportun, biex jigu protetti d-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti kif fuq inghad, fosthom li tordna lill-intimat Bord tal-Haddiema tal-Port jirregistra lill-esponenti fir-registru tal-Haddiema tal-Port."*

5. *Illi permezz ta` sentenza tad-19 ta` Ottubru 2000 il-Prim` Awla tal-Qorti Civili f`Sede Kostituzzjonali ddecidiet ir-rikors b`dan il-mod :*

*i. "Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Artikolu 13 tar-Regolamenti ra` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) u l-Artikoli l-ohra tar-Regolamenti li jaghmlu referenza ghas-sess maskili biss cioe` r-regolamenti numri 14, 16 u 17, jilledu d-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti protetti mill-Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 marbut ma` l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu joholqu diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess, b`dan li kull distinzjoni fuq il-bazi ta` l-istess ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett;*

*ii. Tiddikjara null u bla effett l-Artikolu 13 tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) u dawk l-artikoli kollha l-ohra tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) fuq indikati Regolamenti numri 14, 16 u 17 u dan biss in kwantu li jaghmlu diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess.*

*iii. Tordna lill-intimat Carmel Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port ihalli lir-rikorrenti tirregistra bhala haddiema tal-Port fir-Registru tal-Haddiema tal-Port b`effett retroattiv mid-data ta` l-1 ta` Awissu 1992 b`mod li jigu sodisfatti r-rekwiziti tar-Regolament 11(3) ta` l-istess Avviz Legali 90 ta` l-1993.";*

6. *Illi wara appell mis-sentenza msemmija, b`sentenza tat-2 ta` Novembru 2001, il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet illi :*

*"Tikkonferma s-sentenza appellata b`dan illi ghall-fini ta` kjarezza t-tielet paragrafu tad-decide ghandu jinftiehem fis-sens illi l-ordni moghti lill-intimat Carmelo Schembri nomine kien illi jhalli lir-rikorrenti appellata tirregistra bhala persuna eligibbli biex tigi konsidrat bhala Haddiem tal-Port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xoghol;"*

7. *Illi sussegwentement ir-rikorrenti irtirat l-ewwel zewg talbiet taghha fil-proceduri civili hawn fuq imsemmija filwaqt illi zammet ferm it-tielet u r-raba` talba rigwardanti likwidazzjoni u hlas ta` danni;*

8. *Illi b`sentenza tal-14 ta` Novembru 2012 il-Prim` Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk :*

i. *"Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Victoria Cassar minhabba l-agir riskontrat tal-konvenut nomine fl-ammont ta` seba` mija u disgha u disghin elf, mija u tmienja u sittin Ewro (€799,168.00);*

ii. *Tikkundanna lill-konvenut nomine fuq indikat biex ihallas l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti lill-atturi Victoria u Raymond konjugi Cassar kif fuq gia` debitament indikati "*

9. *Illi wara appell mis-sentenza msemmija, b`sentenza tas-26 ta` Mejju 2017 , il-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kaz billi laqghet l-appell li kien gie ntavolat mill-Port Workers Board, hassret is-sentenza tal-Prim` Awla tal-Qorti Civili u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti;*

10. *Illi sussegwenti ghal din id-decizjoni ir-rikorrenti ntavolat il-proceduri odjerni fejn permezz taghhom qed tallega ksur tad-drittijiet fundamentali taghha emanenti mill-eghmil tal-Bord dwar il-Haddiema tal-Port u tal-intimat nomine u mill-process u l-ezitu ta` proceduri gudizzjarji li hi istitwiet senjatament permezz tal-kawza civili hawn fuq imsemmija;*

11. *Illi r-rikorrenti tallega ksur tad-drittijiet fundamentali taghha kemm ai termini tal-Kostituzzjoni kif ukoll ai termini tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem senjatament:*

*a) Id-dritt taghha ghall-harsien minn diskriminazzjoni fuq bazi ta`sess ai termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta in kwantu li r-rikorrenti qed tallega illi l-pronuncjament maghmul mill-Qorti Kostituzzjonali fil-konfront taghha gie injorat u ngab fix-xejn b`rizultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta` Marzu 2017;*

*b) Id-dritt taghha ghall-harsien minn diskriminazzjoni li tammonta wkoll ghal trattament degradanti, u ghalhekk kien hemm ksur tal-artikolu 3 meta abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*c) Id-dritt taghha ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea in kwantu illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell sucitata rrevokat res judicata billi ddecidiet illi r-rikorrenti ma kien haqqha tircievi ebda kumpens;*

*d) Id-dritt taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possidementi ai termini tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu li hija allegatament tilfet id-danni likwidati gudizzjarjament mill-Ewwel Qorti fil-kawza civili sucitata fl-ammont ta` €799,168.00;*

*e) Id-dritt taghha ghall-rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali ai termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu li allegatament ir-rimedju miksub minnha bs-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ttiehed lura minghabdha b`rizultat tal-pronunzjament mill-Qorti tal-Appell in kwantu li ddecidiet illi l-konvenut nomine ma kienx responsabbli ghad-danni;*

***Eccezzjonijiet***

12. *Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti minn din l-Onorabbli Qorti u dan ghar-ragunijiet segwenti :*

***Ebda ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tal-Malta***

13. *Illi r-rikorrenti fir-rikors in risposta tallega illi gie lez id-dritt taghha ghall-harsien minn diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess ai termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta in kwantu li r-rikorrenti qed tallega li l-pronuncjament maghmul mill-Qorti Kostituzzjonali gie njorat u ngieb fix-xejn b`rizultat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawn fuq imsemmija.*

14. *Illi f`dan ir-rigward l-esponent isostni illi din il-lanjanza bl-ebda mod ma tinkwadra ruhha taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell qatt ma tista` titqies li b`xi mod ddiskriminat mar-rikorrenti fuq bazi ta` sess kif donnu qed tippretendi r-rikorrenti. Il-Qorti tal-Appell ma cahditx it-talbiet taghha minhabba s-sess taghha izda ghaliex kienet tal-fehma illi il-Port Workers Board ma kellu ebda responsabbilita` u ma kienx hemm in-ness mehtieg bejn l-azzjonijiet tal-Board u d-danni li talbet ir-rikorrenti fil-proceduri civili. Din id-decizjoni bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma tista` qatt tigi interpretata illi qed tilledi id-dritt tar-rikorrenti sancit bl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta;*

15. *Illi minghajr pregudizzju ghal dan fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Qorti tal-Appell injorat u gabet fix-xejn il-pronuncjament maghmul mill-Qorti Kostituzzjonali l-esponent jsostni illi dan assolutament mhuwiex minnu. Kif gie spjegat hawn fuq il-Qorti Kostituzzjonali sabet illi r-Regolamenti hawn fuq imsemmija jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u bhala rimedju ddikjarat illi kein jezisti ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti protetti mill-Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 marbut mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, iddikjarat nulli u bla effett l-artikoli tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-*

*Haddiema tal-Port (avviz Legali 90 ta` l-1993) li dehrilha li kienu diskriminatorji u ordnat lill-Carmel Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port ihalli lir-rikorrenti tirregistra bhala persuna eligibbli biex tigi konsidrata bhala haddiema tal-Port wara li rtitra missierha mix-xoghol. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha bl-ebda mod ma mminat jew hassret dak li ddecidiet il-Qorti Kostituzzjonali izda ddecidiet biss illi ma kienx hemm ness bejn l-azzjonijiet tal-Port Workers Board u d-danni allegati mir-rikorrenti u allura ma rrizultaliex illi l-imsemmi Board kien responsabbli ghall-allegati danni. Il-Qorti tal-Appell bl-ebda mod ma ndahlet jew imponiet ruhha fuq id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti f`dan ir-rigward m`ghandhomx mis-sewwa.*

16. *Illi jekk invece ir-rikorrenti mhijiex qeghdha taqbel mar-ragunament jew mad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, ma tistax ir-rikorrenti tittanta tipprova tuza dawn il-proceduri biex iddawwar decizjoni li llum il-gurnata tikkostitwixxi res judicata u dan peress illi l-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ma tistghax isservi bhallikieku kienet qorti tat-tielet grad ta` appell. F`dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza* ***Raymond Zammit vs l-Avukat Generali***[1] *deciza fis-27 ta` Marzu 2013 fejn din l-Onorabbli Qorti ddecidiet hekk:*

*"... il-Qorti tghid illi persuna huwa prekluz milli jirrikorri ghal din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha bhallikieku kienet qorti tat-tielet grad ta` appell. Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Dicembru 2001 fil-kawza "Fatiha Khallouf vs Kummissarju tal-Pulizija et" din ilQorti (PAK/VDG) qalet hekk –*

*" ... F`dana l-paragrafu – riprodott aktar `l fuq f`dina s-sentenza – ir-rikorrenti bazikament qed tallega li l-aggravju sollevat minnha quddiem il-Qorti ta` l-Appell Kriminali dwar l-inammissibilita` tal-provi dokumentarji gie skartat minn dik il-Qorti. L-intimati jikkontendu, kemm fis-risposta taghhom (ara l-paragrafu 2 tar-risposta, aktar `l fuq f`din is-sentenza) kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, li din il-Qorti – cioe` il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali – m`ghandhiex il-funzjoni ta` "a court of third instance", fis-sens li terga` tirrevedi l-meritu tal-kawza ga deciza finalment mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali.*

[1] *Rikors Numru 57/2013.*

*L-intimati ghandhom ragun meta jikkontendu li din il-Qorti m`ghandhiex il-funzjoni ta` qorti ta` appell f`xi grad oghla mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali. Ma hix il-funzjoni ta` din il-Qorti li tiddeciedi fuq jew tirrevedi il-provi mressqa quddiem il-Qorti Rimandanti u ezaminati minn dik il-qorti u finalment mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali; anqas ma hu l-kompitu ta` din il-Qorti li tirrevedi d-decizzjoni tal-Qorti ta` l-Appell Kriminali dwar l-interpretazzjoni tal-ligi applikabbli ghall-proceduri li dik il-Qorti ta` l-Appell Kriminali kellha quddiemha, jew dwar l-interpretazzjoni ta` xi punt ta` dritt ta` natura strettament penali (bhlama hi, per ezempju, il-kwistjoni ta` l-ammissibilita` o meno ta` certi provi). Il-funzjoni ta` din il-Qorti hi limitata biex tara jekk gewx lezi o menu d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta` Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll, kieku kien il-kaz, jekk hemmx lezjoni tas-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 10 tal-Kap. 276 – ara l-Artikolu 16 tal-imsemmi Kap. 276).”*

17. *Illi bl-istess analogija, din l-Onorabbli Qorti m`ghandiex il-funzjoni ta` qorti ta` appell fi grad oghla mill-Qorti ta` Appell li tisma` appelli ta` natura civili u ghaldaqstant ir-rikorrenti lanqas ma tista` tirrikorri ghal din l-Onorabbli Qorti bhallikieku kienet qorti tat-tielet grad ta` appell.*

***<u>Ebda ksur tal-artikolu 3 u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem</u>***

18. *Illi fir-rikors in risposta r-rikorrenti tallega ksur tal-artikolu 3 u tabbina tali ksur mal-artikolu 14 u ghalhekk jidher li qeghdha tallega illi jezisti ksur tal-artikolu 3 u cioe` ksur tad-dritt taghha ghall-helsien minn trattament degradanti u li inghatat trattament degradanti abbazi tas-sess taghha;*

19. *Illi preliminarjament l-esponent isostni illi jekk ir-rikorrenti qed tirreferi hawnhekk ghas-sitwazzjoni li ghaddiet minnha u cioe` li ma thallietx tirregistra bhala persuna eligibbli biex tigi konsidrata bhala Haddiem tal-Port wara li rtira missierha u dwar il-ligi li kienet tinkludi biss is-sess maskili bhala persuna eligibbli ghal dan ix-xoghol, l-esponent jirrileva illi din*

*il-kwistjoni diga` giet deciza definittivament mill-Qorti Kostituzzjoanli permezz tas-sentenza tat-2 ta` Novembru 2001 fl-ismijiet **Victoria Cassar vs Awtorita` Marittima ta` Malta et**[2] u ghaldaqstant tikkostitwixxi res judiciata;*

20. *Illi minghajr pregudizzju jekk invece ir-rikorrenti qed tqajjem dawn il-lanjanzi fir-rigward tas-sentenza ta-Qorti tal-Appell tas-26 ta` Mejju 2017 fl-ismijiet **Victoria Cassar et vs Carmel Schembri nomine**[3], l-esponent jirrileva illi hemmhekk certament illi r-rikorrent ma giex assoggettat ghal trattament degradanti. L-awtrici Karen Reid fil-ktieb taghha "A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights[4] a fol. 577 tispjega illi trattament degradanti jikkonsisti fi trattament li "grossly humiliates a person or drives him to act against his will or conscience;". Inoltre fil-ktieb taghhom Law of the European Convention on Human Rights[5] a fol. 92, l-awturi Harris, O`Boyle & Warbrick jikkwotaw gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u jghidu illi "Treatment is degrading if it `is such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them`.[6] Or, in the language of an alternative formula that the Court sometimes adopts, treatment is degrading if it `humiliates or debases an individual showing a lack or respect for, or diminishing his or her human dignity or arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an individual`s moral and physical resistance`.[7] Certament illi mill-fatti tal-kaz odjern li minnhom qed tilmenta r-rikorrenti ma jirrizulta ebda trattament ta` dan it-tip. Il-Qorti tal-Appell certament li ma ssuggettat lir-rikorrenti ghal xi trattament degradanti fil-mod kif iddecidiet il-kawza izda biss applikat il-principji legali rilevanti b`mod objettiv sabiex waslet ghall-konkluzjoni taghha;*

21. *Illi l-esponenti jsostni wkoll illi jekk imbaghad meta r-rikorrenti tirreferi fit-talbiet taghha ghall-vjolazzjonijiet godda tad-Drittijiet Fundamentali taghha hi qed tirreferi ghall-fatt illi hi baqghet ma nghatatx il-licenza ta` missierha bhala haddiema tal-port, l-esponent isostni illi kif anke*

---

[2] *Rikors Kost. Numru 706/99 RCP*
[3] *Citazzjoni Numru 1560/93 SM*
[4] *It-tielet Edizzjoni, Thomson, Sweet and Maxwell, 2008.*
[5] *It-Tieni Edizzjoni, Oxford University Press, 2009.*
[6] *Kafkaris v Cyprus hudoc (2008) para 98 GC. See Stanford v UK No 73299/01 hudoc (2002) DA and Wayne v UK No 67285/01 hudoc (2003) DA.*
[7] *Pretty v UK 2002-III; 35 EHRR 1.*

*irrimarkat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha, kienet ir-rikorrenti stess illi naqset milli tirregistra ruhha biex tahdem bhala port worker wara s-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali ghalkemm giet mistiedna taghmel dan mill-istess Port Workers Board. Kif tghid il-Qorti tal-Appell hi kellha l-opportunita` tapplika u ghar-ragunijiet taghha irrifjutat li taghmel dan. Ghaldaqstant ma tistax issa tigi tilmenta li drittijiet fundamentali taghha ghadhom qeghdin jigu miskura meta kienet hi stess li naqset illi tuza d-dritt moghti lilha li tirregistra ruhha sabiex tahdem bhala port worker;*

22. *Illi huwa veru l-Qorti Kostituzzjonali kienet iddecidiet illi kien hemm ksur tal-Artikolu 3 meta abbinat mal-Artikolu 14 pero` din is-sitwazzjoni il-Qorti Kostituzzjonali rrimedjata u filwaqt li ddikjarat nulli l-artikoli rilevanti, ordnat lill-Carmel Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port sabieh ihalli lir-rikorrenti tirregistra bhala persuna eligibbli biex tigi konsidrata bhala haddiema tal-Port; xi haga li l-Bord effettivament ghamel kif anke nnutat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha.Ghaldaqstant certament li ma jezisti ebda ksur tad-dritt tar-rikorrenti sancit bl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;*

23. *Illi peress illi ma jirrizulta ebda ksur tal-artikolu 3 hawn fuq imsemmi, lanqas ma jista` jezisti ksur ta-artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dan peress illi tali artikolu m`ghanduz ezistenza indipendenti izda jista` jitqajjem biss jekk jirrizulta illi kien hemm xi ksur ta` xi dritt iehor protett bl-istess Konvenzjoni. F`dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghall-kaz Abdulaziz, Cabales u Balkandali (28 ta` Meju 1985) fejn jinghad hekk :*

*"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the "enjoyment of the rights and freddoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its applicaiton unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".*

24. *Illi ghaldaqstant u in vista tas-suespost certament li ma jezisti ebda ksur tal-artikolu 3 u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

***<u>Ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta</u>***

25. *Illi f`dan ir-rigward ir-rikorrenti tallega illi d-dritt taghha ghall-smiegh xieraq gie lez u dan peress illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell sucitata rrevokat res judicata billi ddecidiet illi r-rikorrenti ma kien haqqha tircievi ebda kumpens.*

26. *Illi f`dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghal dak sottomess minnu f`punt 15 ta` din ir-risposta. Mhuwiex minnu li l-Qorti tal-Appell rrevokat res gudikata. Il-Qorti Kostituzzjonali sabet illi r-Regolamenti tal-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) kif kienu mfassla dak iz-zmien kienu diskriminatorji u tat rimedju billi ddikjarat ir-regolamenti rilevanti bhala nulli u ordnat illi l-Bord ihalli lir-rikorrenti tirregistra bhala persuna eligibbli. Dak ir-rimedju bl-ebda mod ma gie mittiefes mill-Qorti tal-Appell. Il-Qorti tal-Appell iddecidiet fuq aspett purament civili li dwaru il-Qorti Kostituzzjonali ma ghamlet ebda pronuncjament. Il-fatt illi l-Qorti tal-Appell iddecidiet illi ma tillikwidax danni favur ir-rikorrenti bl-ebda mod ma jfisser illi l-Qorti tal-Appell kienet qed tghid illi ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u kienet qed tregga` lura l-pronuncjament tal-Qorti Kostituzzjonali. Il-Qorti kostituzzjonali tat rimedju g]all-ksur li kien sehh, liema rimedju fil-fatt gie attwatt tant li l-ligi li giet dikjarata nulla mill-Qorti Kostituzzjonali fil-fatt inbiddlet u r-rikorrenti inghatat l-opportunita` illi tirregistra bhala eligibbli biex tigi konsidrata bhala Haddiem tal-Port;*

***<u>Ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem</u>***

27. *Illi f`dan ir-rigward ir-rikorrenti tallega illi gie lez d-dritt fundamentali taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha u dan*

*peress illi hija allegatament tilfet id-danni likwidati mill-Ewwel Onorabbli Qorti;*

28. *Illi fir-rigward ta` din il-lanjanza l-esponent qabel xejn jaghmel referenza ghall-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja li jistipula hekk:*

*"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt **ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha**. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*

*Izda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma ghandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta` proprjetà skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."*

29. *Illi dan l-artikolu jitkellmu dwar `possedimenti tal-persuna`. Illi ghalkemm dan id-dritt ma huwiex limitat biss ghall-beni korporali jew tangibbli pero` certament illi somma ta` flus moghtija b`sentenza li tkun ghadha suggetta ghall-appell ma tikkwalifikax bhala `possediment` ai termini ta` dan l-artikolu u ghaldaqstant ma jezisti ebda possediment jew proprjeta` li r-rikorrenti giet privata minnha;*

30. *Illi r-rikorrent kellha talba, liema talba poggietha quddiem il-Qorti u li hadd ma cahhadha minnha. Pero` l-fatt li din it-talba ma gietx akkolta mill-Qorti tal-Appell ma jfissirx illi gie lez id-dritt taghha sancit bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

31. *Illi l-esponent jirrileva wkoll illi l-fatt li l-Ewwel Qorti llikwidat ammont ta` flus favur taghha bl-ebda mod ma jfisser illi dak l-ammont ta` flus kien f`dak l-istadju possediment taghha. Is-sentenza li permezz taghha gew likwidati danni favur ir-rikorrenti ma kienitx sentenza finali u kienet*

*suggetta ghall-appell u l-fatt li l-appell ma qabilx li kellha tigi likwidata favur taghha dik is-somma ma jfissirx illi l-Qorti tal-Appell cahhditha minn xi possediment li kellha hi. Kieku kellu jkun hekk allura l-Qorti tal-Appell tkun qed tikser id-dritt fundamentali ta` parti meta tregga lura sentenza tal-ewwel istanza li tillikwida kumpens favur xi hadd!*

32. *Illi kif jinghad mill-awtrici Karen Reid fil-ktieb taghha "A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights*[8] *a fol. 502*

*"An applicant must generally fulfil the conditions set by domestic law for ownership. However cases law recognises in certain cases that "existing possessions" includes claims in respect of which an individual can claim to have at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right. No legitimate expectation arises where there is a dispute as to the correct interpretation of an application of domestic law and the applicant`s submissions are rejected by the domestic courts."*

33. *Illi ghaldaqstant certament illi ma jezisti ebda ksur tad-dritt tar-rikorrenti protett bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

***Ebda ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem***

34. *Illi f`dan ir-rigward ir-rikorrenti tallega illi r-rimedju miksub mir-rikorrenti bis-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali ttiehed lura lilha b`rizultat tal-pronuncjament mill-Onorabbli Qorti tal-Appell illi l-konvenut nomine ma kienx responsabbli ghad-danni;*

35. *Illi l-esponent jirrileva illi dan mhuwiex minnu u dan peress illi l-Qorti Kostituzzjonali stess tat rimedju li kien effettiv lir-rikorrenti fis-sentenza fil-forma ta` dikjarazzjoni li kien sehh ksur tad-drittijiet fundementali taghha, annullar tar-regolamenti relattivi li wasslu ghal tali ksur kif ukoll il-possibilita` illi hi tirregistra bhala eligibbli biex tigi*

[8] *It-tielet Edizzjoni, Thimson, Sweet and Maxwell, 2008.*

*konsidrata bhala Haddiem tal-Port, rimedji li setghu irrimedjaw is-sitwazzjoni li r-rikorrenti sabet ruhha fihom;*

36. *Illi dan ir-rimedju ma giewx mittiefes mill-Qorti tal-Appell tant li li fil-fatt il-ligi giet emendata u r-rikorrenti kellha l-opportunita` li tapplika u sahansitra giet mistiedna li tapplika bhala persuna eligibbli. L-Qorti tal-Appell bl-ebda mod ma imponiet ruhha fuq id-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali jew irrevokat xi rimedju moghti hemm hek. Anzi hi mxiet fuq il-premessa illi id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kienu gew lezi. Pero` hasset illi l-Port Workers Board ma kienx responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti. Dan certament ma jammontax ghall-nuqqas ta` rimedju effettiv;*

37. *Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li kien hemm ksur tar-`reasonable time requirement` da parti tal-Qrati, l-esponent jirrileva illi ghalkemm oggettivament verament jidher illi l-proceduri twalu erbgha u ghoxrin sena pero` l-process kien wiehed kumpless illi kien jinvolvi l-fth separat ta` proceduri Kostituzzjonali fil-kuntest ta` dawk civili. Jinghad ukoll illi wara s-sentenza Kostituzzjonali, ghaddew diversi snin sakemm ir-rikorrenti ddecideit illi ma tridx tersaq biex tirregistra u l-kawza setghet titkompla;*

38. *Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva illi r-rimedji anke jekk biss il-possibilita` li tistiwixxi kawza kostituzzjonali jikkostitwixxu rimedju prattiku u effettiv. Ghaldaqstant certament illi f`dawn ic-cirkostanzi ma hemm ebda lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghall-rimedju effettiv kif protett mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;*

***<u>Dwar ir-rimedju</u>***

39. *Illi data ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti certament illi r-rimedju mitlub mir-rikorrenti - li tinghata l-licenzja ta` missierha bhala haddiema tal-port b`effett mill-1 t`Awissu 1992, thassar is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-*

*Appell tas-26 ta` Mejju 2017 u tordna l-hlas lilha ta`kumpens xieraq li jikkomprendi il-hlas ta` danni likwidati mill-ewwel Qorti kif ukoll hlas ta` danni konsegwenzjali kif ukoll danni morali – mhuwiex rimedju li ghandu jinghata minn din l-Onorabbli Qorti;*

40. *Illi fl-ewwel lok l-esponent jirrileva illi r-rikorrenti ma tistax terga tipproponi talbiet illi kienet diga` ghamlet quddiem Qrati differenti u li llum il-gurnata huma decizi definittivament. Altrimenti din il-Qorti tkun qeghdha sservi bhala Qorti tat-Tielet grad, li certament li mhuwiex il-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti;*

41. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponent jirrileva illi fir-rigward tal-ghoti tal-licenza, r-rikorrenti kienet diga` nghatat rimedju mill-Qorti Kostituzzjonali, liema rimedju kien jikkostitwixxi f`ordni lill-Bord sabiex ihalli lir-rikorrenti tirregistra bhala eligibbli biex tigi konsidrata bhala Haddiem tal-Port u liema ordni nehhiet id-diskriminazzjoni li kienet tezisti fil-konfront tar-rikorrenti u gabet lir-rikorrenti fl-istess keffa ta` persuni tas-sess maskili. Il-fatt li r-rikorrenti ghazlet illi ma taghmilx uzu mid-dritt moghti lilha ma jnehhi xejn mill-fatt illi hi kienet inghatat rimedju prattiku u effettiv sabiex jindirizza il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha. Ma tistax izda r-rikorrenti tippretendi issa li din l-Onorabbli Qorti tmur oltre dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali u terga` taghti rimedju ulterjuri ghal dik il-lezjoni u aktar u aktar li hi tinghata l-licenza minghajr ma tghaddi mill-process li jghaddu minnu l-applikanti `l ohra u minghajr ma jkun accertat li hi tissodisfa r-rekwiziti mitluba mir-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port;*

42. *Illi l-esponent jirrileva wkoll illi fid-dawl tas-suespost l-esponent ma jirrispondix u ma ghandux jinzamm responsabbli ghal kwalunkwe forma ta` danni;*

43. *Illi minghajr pregudizzju fi kwalukwe kaz l-esponent jirrileva illi ghalkemm din l-Onorabbli Qorti tista` taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq, madanakollu hija l-umli fehma ta` l-esponent li ma jridx jintesa` l-iskop tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbiliti*

*standards u s-sejbien ta` vjolazzjoni ta` dawn l-istandards hija r-rimedju ewlieni;*

44. Illi dejjem minghajr pregudizzju ssir ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***`Major Peter Manduca vs. L-Onorevoli Prim` Ministru`*** [9] fejn gie osservat illi:

*"Il-Qorti rat ukoll decizjonijiet tal-Qorti Ewropea. Hemm kazijiet fejn il-Qorti dehrilha li kien sufficjenti ghar-rikorrenti illi jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tieghu kienu verament gew lezi. Hawn ir-rikorrent kellu vindikazzjoni ta` l-allegazzjoni tieghu (just satisfaction) pero` ma giex akkordat kumpens materjali."*

***Konkluzjoni***

45. *Illi ghalhekk u fid-dawl tas-suespost ma jirrizulta ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ghalhekk l-allegazzjonijiet u t-talbiet taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-risposta li pprezenta l-intimat l-iehor fit-13 ta` Settembru 2017 li taqra hekk :-

*1. Illi b`rikors ipprezentat fil-11 t`Awwissu, 2017, ir-rikorrenti qieghda tallega ksur ta` drittijiet fundamentali taghha ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (il-Konvenzjoni),*

*senjatament :*

[9] *Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta` Jannar 1995.*

- *id-dritt taghha ghal harsien minn diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess (**Artikolu 45** tal-Kostituzzjoni ta` Malta)*

- *id-dritt ghal harsien minn trattament degradanti (ai termini tal-**Artikolu 3** tal-Konvenzjoni) hekk kif abbinat mal-**Artiklu 14** tal-istess Konvenzjoni rigward harsien minn diskriminazzjoni*

- *id-dritt ghal smiegh xieraq ai termini tal-**Artiklu 6(1)** tal-Konvenzjoni*

- *id-dritt ghal tgawdija pacifika tal-possedimenti (**Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll**)*

- *id-dritt ghal rimedju effettiv (ai termini tal-**Artikolu 13** tal-Konvenzjoni)*

*2. Il-Bord esponenti jichad dawn il-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li sejrin jigu spjegati f`din ir-risposta.*

***<u>Sfond fattwali</u>***

*3. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti Victoria Cassar isibu l-gheruq taghhom fi proceduri civili illi r-rikorrenti kienet intavolat kontra l-Port Workers Board (Victoria Cassar et v Carmel Schembri nomine, 1560/1993 SM) li bihom talbet danni wara illi, ai termini tar-Regolamenti dwar il-Port kif kienu fiz-zmien meta giet intavolata l-kawza, ma kinitx thalliet tirregistra bhala haddiema tal-port wara li rtira missierha minn haddiem tax-Xatt. Dan minhabba li taht il-ligi kif kienet, dan id-dritt kien "jintiret" biss mill-ulied subien.*

*4. Illi f`decizjoni parzjali tas-7 ta` Mejju, 1999, moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-Qorti kellha tikkunsidra inter alia jekk kellhiex ragun l-attrici illi r-Regolamenti dwar il-Port setghu jinghataw interpretazzjoni non-diskriminatorja b`applikazzjoni tal-Interpretation Act. Dwar dan il-punt, l-Ewwel-Qorti cahdet l-argomenti tal-attrici u sostniet illi kienu r-Regolamenti nfushom illi kienu diskriminatorji ghaliex "ma jistax ikun hemm dubbju li l-legislatur ried jillimita espressament il-mili tal-vakanzi krejati fix-xoghol tal-port ghall-persuni ta` sess maskil". Mill-provi irrizultat kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar meta l-attrici kienet talbet illi tirregistra bhala haddiem tal-port u partikolarment jekk din it-talba saritx tardivament bil-konsegwenza illi l-attrici tilfet il-jedd taghha illi tirregistra bhala port worker. F`dan ir-rigward, il-Qorti osservat illi irrispettivament mit-talba saritx tardivament jew le, il-ligi kif kienet ma kinitx tippermetti tali registrazzjoni u ghaldaqstant:*

*Din il-Qorti tifhem li ghandha tissoprassjedi u ma tippronunzjax gudizzju finali qabel ma jkun gie epurat u deciz il-kwezit kostituzzjonali sollevat mill-attrici anke formalment fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha u dana quddiem il-Qorti kompetenti fil-konfront ta` min kien bil-ligi il-legittimu kuntradittur.*

*Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza in parte billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine illi l-attrici tilfet kull beneficcju li talvolta seta` kellha minhabba li naqset li tottempera ruhha mar-Regolamenti tal-Bord b`mod partikolari li tapplika lill-awtorità kompetenti tempestivament fiz-zmien statutorjament stabbilit. Dana bl-ispejjez ghall-konvenut. Il-Qorti taghti zmien ta` xahar lill-attrici biex tipprocedi bir-rikors appozitu ghad-dikjarazzjoni tal-inkostituzzjonalità tar-regolamenti taht ezami abbazi ta` diskriminazzjoni minhabba sess u thalli l-kawza sine die rappuntabbli b`rikors minn xi parti ukoll pendenti l-ezitu ta` dawk il-proceduri.*

*5. Illi fid-dawl ta` din is-sentenza, l-attrici ipprezentat kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet Victoria Cassar v Awtorità Marittima ta` Malta, Carmel Schembri ghan-nom u in rappreżentanza tal-Bord dwar il-Haddiema tal-Port, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali u ghal kull interess*

*illi jista` jkollu l-Ministru Responsabbli ghall-Portijiet.*[10] *F`sentenza tad-19 t`Ottubru, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet ir-rikors b`dan il-mod:*

*i. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Artikolu 13 tar-Regolamenti tal-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 tal-1993) u l-Artikolu l-ohra tar-Regolamenti li jaghmlu referenza ghas-sess maskili biss u cjoe r-regolamenti numru 14, 16 u 17, jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti protetti mill-Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 marbut mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu joholqu diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess, b`dan illi kull distinzjoni fuq il-bazi tal-istess ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett.*

*ii. Tiddikjara null u bla effett l-Artikolu 13 tar-Regolamenti tal-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 tal-1993) u dawk l-Artikoli kollha l-ohra tar-Regolamenti tal-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 tal-1993) fuq indikati [Regolamenti numri 14,16 u 17] u dan biss inkwantu li jaghmlu diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess.*

*iii. Tordna lill-intimat Carmel Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port ihalli lir-rikorrenti tirregistra bhala haddiem tal-Port fir-Registru tal-Haddiema tal-Port b`effett retroattiv mid-data tal-1 t`Awwissu, 1992 b`mod li jigu sodisfatti r-rekwiziti tar-Regolamenti 11(3) tal-istess Avviz Legali 90 tal-1993.*

*6. Wara appell mis-sentenza msemmija, il-Qorti Kostituzzjonali iddecidiet illi:*

*Tikkonferma s-sentenza appellata b`dan illi ghall-fini ta` kjarezza t-tielet paragrafu tad-decide ghandu jiftiehem* ***fis-sens illi l-ordni moghti lill-intimat Carmelo Schembri nomine kien illi jhalli lir-rikorrenti appellata tirregistra bhala persuna eligibbli biex tigi konsidrata bhala Haddiem tal-Port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xoghol.*** *[emfazi mizjuda]*

---

[10] *706/99 RCP*

*7. Illi fir-rigward irid jinghad illi l-Qorti Kostituzzjonali ghamlet din il-kjarifika ghaliex hemm distinzjoni cara bejn registrazzjoni bhala persuna eligibbli u l-eventwali impjieg bhala port worker. Ir-registrazzjoni hija biss prova ta` interess min-naha tal-applikant, imma mbaghad ir-registrazzjoni jehtieg illi tigi segwita bi proceduri ohra fosthom illi l-applikant juri lill-Port Workers Board illi ghandu r-rekwiziti mitluba, fosthom li jghaddi certi testijiet medici, li juri li ghandu licenzja tas-sewqan u kondotta nadifa – dan kollu ai termini tar-regolament 11(3) tar-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port.*

*8. Illi bis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat illi l-problema ma kinitx illi l-Port Workers Board kien qed japplika jew jinterpreta l-ligi hazin [kif jidher li ghadha qed tinsisti r-rikorrenti], izda li l-istess Regolamenti [li l-Port Workers Board kien marbut japplika] kienu diskriminatorji u ghalhekk anti-Kostituzzjonali. Fil-fatt, fid-dawl ta` din is-sentenza, ir-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port gew emendati mil-Legislatur fil-15 t`Ottubru, 2002 permezz tal-Avviz Legali Numru 319 tal-2002. Minn dak iz-zmien lil hawn fil-fatt, kien hemm diversi nisa illi applikaw biex jigu registrati bhala haddiema tal-port prospettivi u minnhom lahqu wkoll haddiema tal-port.*

*9. Illi ghandu jinghad illi waqt il-process tal-emendi fil-ligi u fil-mori tal-proceduri quddiem il-Prim Awla l-Awtorità Marittima ta` Malta [illum l-Awtorità Ghat-Trasport f`Malta], bhala l-Awtorità illi eventwalment tattwa d-decizjonijiet tal-Port Workers Board, kienet qed tiddiskuti tranzazzjoni fuq bazi minghajr pregudizzju mal-attrici. Meta dawn in-negozjati ma rnexxewx, tkomplew il-proceduri formali sabiex l-attrici tigi ikkunsidrata bhala haddiem prospettiv skond is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. L-attrici però ma resqitx biex tkun registrata u tottempera ruhha mal-proceduri statutorji, lanqas meta giet mistiedna biex taghmel dan formalment permezz ta` ittra registrata datata 25 ta` Gunju, 2004. Anzi, irrispondiet tramite l-avukat taghha illi dan l-istedina sabiex tirregistra kien "insult lill-intelligenza taghha". Kif ga ntqal, it-talba tal-Awtorita` ma kinitx frivola. Dan ghaliex ir-registrazzjoni tal-interess ta` persuna illi tidhol tahdem bhala haddiem tal-port ma twassalx awtomatikament biex wiehed jibda jahdem ta` port worker ghaliex ikunu jridu jsiru fost l-ohrajn testijiet*

*medici u l-kandidat ikollu jghaddi lill-Awtorità wkoll dokumentazzjoni ohra bhal nghidu ahna, kondotta u licenza tas-sewqan. L-attrici ma resqitx biex tottempera ruhha ma` dawn ir-rekwiziti.*

*10. Illi fid-dawl ta` dawn l-izviluppi, b`nota tas-6 ta` Settembru, 2006, l-attrici irtirat l-ewwel zewg talbiet taghha (<u>inkluz it-talba li tithalla tirregistra bhala haddiema tal-port flok missierha)</u> filwaqt illi zammet ferm it-tielet u r-raba` talba rigwardanti likwidazzjoni u hlas ta` danni.*

*11. Illi b`sentenza tal-14 ta` Novembru, 2012, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet dawn it-talbiet tal-attrici b`dan li ordnat lill-Port Workers Board ihallas lil Cassar is-somma sabiha ta` EUR 799,168. Minn din is-sentenza appella kemm il-Port Workers Board u kemm, b`appell incidentali, ir-rikorrenti Cassar (illi ppretendiet kumpens illi jeccedi l-miljun ewro). B`sentenza moghtija fis-26 ta` Mejju, 2017, imbaghad, il-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kaz billi laqghet l-appell tal-Port Workers Board, hassret is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili u cahdet it-talbiet ta` Cassar (**Dok A** anness).*

*12. Illi essenzjalment, il-kunsiderazzjonijiet li wasslu l-Qorti tal-Appell ghal din is-sentenza kienu dawn:*

*(i) il-fatt illi l-Qorti Kostituzzjonali sabet illi r-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port kienu diskriminatorji, ma jfissirx illi l-Port Workers Board kellu awtomatikament jitqies responsabbli ghad-danni u l-Qorti fil-proceduri civili kellha qabel xejn tevalwa jekk kienx hemm responsabbilita` civili tal-istess bord*

*(ii) filwaqt illi r-Regolamenti tassew kienu anti-kostituzzjonali, il-Port Workers Board ma setax hlief jimxi fuq dawn ir-Regolamenti u ghalhekk ma kien hemm ebda nuqqas min-naha tieghu*

*(iii) bl-emendi fir-Regolamenti, id-dritt ta` Cassar ma kienx illi hija tigi appuntata haddiem tax-Xatt, izda illi hija tigi mnizzla fir-Registru ta`*

*haddiema prospettivi. Madanakollu, hija ghazlet illi ma tottemperax ruhha ma` dak mitlub minnha bil-ligi. Fi kliem il-Qorti hija kellha l-opportunita` tapplika u irrifjutat ghar-ragunijiet taghha – minflok hija qaghdet tistenna lill-Qrati biex jikkumpensawha ghal kull minuta xoghol li qed tghid li tilfet minhabba dak li gara u oltre – bl-ingliz `she sat back` u qaghdet tistenna kumpens asronomiku kif jidher anke mill-appell incidentali taghha.*

*13. Victoria Cassar issa intavolat dawn il-proceduri Kostituzzjonali li bihom donnha ghadha tinsisti illi ladarba s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-2001 kienet iddikjarat ir-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port anti-kostituzzjonali, hija kellha awtomatikament tinghata ragun fil-kawza civili ghad-danni kontra l-Port Workers Board.*

*14. Minbarra li tinsisti fuq il-hlas ta` danni, Victoria Cassar qed terga` tinsisti illi "tiret" il-licenzja ta` missierha. Dan minkejja illi l-Qorti Kostituzzjonali ma taghthiex dan id-dritt izda biss illi tirregistra bhala haddiem prospettiv. Minkejja wkoll illi hija stess ma resqitx biex hekk tirregistra u, anzi, rtirat it-tieni talba taghha fil-proceduri civili.*

***Eccezzjonijiet***

*15. Moghti l-isfond fattwali, l-Awtorità intimata sejra issa tressaq id-difizi taghha ghat-talbiet tar-rikorrenti;*

*I. Procedurali Kostituzzjonali m`ghandhomx iservu ta` "tielet grad" jew ta` "appell minn appell"*

*16. Illi, preliminarjament u fuq bazi procedurali, kawza Kostituzzjonali m`ghandhiex u ma tistax tintuza bhala process t`appell minn sentenza li ghaddiet in gudikat f`ambitu civili.*

*17. B`rabta ma` dan, ghandha ssir distinzjoni netta bejn l-ghan wara proceduri civili u l-ghan wara dawk Kostituzzjonali. Proceduri civili*

*jimmiraw sabiex jistabilixxu xi dritt li l-attur ikollu fil-konfront tal-konvenut. Proceduri Kostituzzjonali tax-xorta li ghandha quddiemha l-Qorti jservu sabiex jgharblu jekk ir-rikorrenti sofriex ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Madanakollu, proceduri kostituzzjonali ma jistghux jintuzaw biex jergghu jifthu berah kunsiderazzjonijiet fattwali jew sahansitra ta` mertu illi ga gew decizi b`sentenza finali tal-Qrati Civili.*

*18. Illi l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tas-26 ta` Mejju, 2017, kienet taf tajjeb dak li kien intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tat-2 ta` Novembru, 2001.* ***Proprju ghaliex imxiet fuq is-sentenza ta` dik il-Qorti,*** *il-Qorti ikkonkludiet illi l-Port Workers Board ma kellux jerfa` responsabilita` civili talli – kif marbut li ghamel – applika ligi li konsegwentement giet iddikjarata diskriminatorja. Il-Qorti sabet ukoll illi wara s-sentenza tat-2 ta` Novembru, 2001, mhux talli r-Regolamenti nbidlu, izda talli l-Port Workers Board nieda l-procedura sabiex Victoria Cassar tidhol fir-registru prospettiv tal-port workers. Kienet ir-rikorrenti illi m`aderietx ghal dak li kien jitlob minnha l-ligi.*

*19. Illi fi kliem iehor, fil-proceduri tac-citazzjoni numru 1560/1993 il-qrati civili investigaw bir-reqqa kollha u bil-garanziji kollha ta` smiegh xieraq, l-pretensjoni tar-rikorrenti. Ma jaghmilx sens illi ghaliex id-decizjoni m`ghogbitx lir-rikorrenti issa tippretendi li din il-Qorti tikkunsidra mill-gdid l-evalwazzjoni tal-fatti u l-argumenti fil-mertu illi ghamlu l-Qrati ordinarji.*

*20. F`dan ir-rigward, a skans ta` hafna referenzi ghal bosta sentenzi f`dan is-sens, l-esponenti sejra tikkwota s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Anthony Seychell v Onorevoli Prim Ministru u Avukat Generali[11] fejn inghad:*

> *Din il-Qorti ma ghandhiex isservi bhala t-tielet grad fi smiegh ta` kaz, u jekk il-lanjanzi gia` gew trattati u mwarrba mill-Qorti kompetenti, ma jaghmilx sens guridiku li l-istess lanjanzi jergghu jigu trattati, issa minn din il-Qorti.*

[11] *9 ta` Dicembru, 2013*

*Kif intqal fil-kawza Cutajar v. Avukat Generali et, deciza minn din il-Qorti fit-22 ta` Frar 2013: "Din il-Qorti tirriafferma l-principju li ma ghandhiex tigi kjamata sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Qrati f`kompetenza ordinarja, u lanqas ghandha tissindaka l-apprezzament ta` provi kif sar mill-qrati ordinarji, nkluz dik ezercitata mill-Qorti tal-Appell u dan ghaliex ir-rimedju kostituzzjonali ma huwiex u ma ghandux jigi uzat bhala xi ghamla ta` appell tat-tielet grad li mhux permess fil-ligi taghna. F`din is-sede il-kompitu ta` l-Qorti huwa li taccerta ruhha li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet tutelati mill-Konvenzjoni mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-qrati l-ohra sabiex tghid kienux decizi korrettament inkella le."*

*Hekk ukoll fil-kawza J.E.M Investments Ltd v. Avukat Generali et, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta` Settembru 2011, kien intqal illi: "id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma` certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m`hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta` Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi `sewwa` jew le, izda hija limitata ghallfunzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea."*

*II. Il-Bord dwar il-Haddiema tal-Port mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*21. B`rabta ma` dak li ga ntqal, l-esponenti tosserva illi hija ghandha favur taghha (i) sentenza finali tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta` Novembru, 2001 illi tikkonferma illi l-ghelt kien jinsab fir-Regolamenti u mhux fl-interpretazzjoni jew fl-applikazzjoni tal-istess Regolamenti u (ii) sentenza finali tal-Qorti tal-Appell illi tafferma illi l-Bord ma naqasx lir-rikorrenti ghaliex, mal-bidla fir-Regolamenti, huwa ottempera ruhu maghhom u kienet ir-rikorrenti illi ma resqitx biex taghmel il-parti taghha.*

*22. Fid-dawl ta` dan, il-Bord esponenti jsostni illi dato ma non concesso illi r-rikorrenti ghandha xi lmenti dwar kif il-Qrati Civili semghet il-kaz taghha u/jew dwar inghatatx "rimedju effettiv", il-Bord esponenti mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ma jistax jitqies responsabbli ghal xi hlas ta` danni pekunjarji jew morali.*

*23. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, f`kaz illi jitqies illi l-Port Workers Board huwa legittimu kontradittur sempliciment stante illi qed jintalab rimedju ta` ghoti ta` licenza, il-Bord xorta jsostni illi m`ghandux jehel l-ispejjez tal-proceduri – u wisq anqas xi forma ta` danni.*

*III. Fil-mertu, ma sar ebda ksur gdid tal-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta jew tal-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja (helsien minn diskriminazzjoni)*

*24. F`dan ir-rigward, ir-rikorrenti jidher li qed issostni illi ladarba l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-2001 sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, senjatament id-dritt ghal helsien minn diskriminazzjoni, il-Qorti tal-Appell fil-kawza civili kienet imbaghad marbuta illi tikkundanna lill-Bord esponenti jaghti kumpens lir-rikorrenti. Victoria Cassar issostni ghalhekk illi n-nuqqas tal-Qorti Kostituzzjonali illi tordna l-hlas ta` danni huwa ksur gdid tal-jedd taghha ghal helsien minn diskriminazzjoni;*

*25. Illi qabel xejn, filwaqt illi tali lanjanza hija forsi marbuta mal-allegazzjoni ta` ksur tal-jedd ta` smiegh xieraq, mhux car ghalfejn din il-lanjanza ghandha tinkwadra taht l-Artikli 45 tal-Kostituzzjonali jew l-Artiklu 14 ta` Konvenzjoni. Il-Qorti tal-Appell ma cahditx it-talbiet tar-rikorrenti minhabba s-sess taghha, izda ghaliex – korrettement – dehrilha (i) l-Port Workers Board m`ghandux jehel danni talli applika r-regolamenti tal-pajjiz u li (ii) meta r-Regolamenti nbidlu, Victoria Cassar naqset illi taghmel il-parti taghha biex dawn jigu attwati fil-konfront taghha. Dawn ir-ragunamenti tal-Qorti tal-Appell bl-ebda mod ma huma msejsa fuq il-fatt li Victoria Cassar hija mara;*

*26. B`rabta mbaghad, mal-allegazzjoni illi l-Qorti tal-Appell injorat il-pronuncjament solenni maghmul mill-Qorti Kostituzzjonali, u li "gabitu fix-xejn", dan assolutament mhux minnu. Anzi, hija Victoria Cassar illi qed tghawweg dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali.*

*27. Kemm hu hekk, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha qalet car illi l-ksur ma kienx jinstab fl-interpretazzjoni li l-Bord ta lir-Regolamenti u/jew fil-mod kif attwahom, izda fir-Regolamenti nfushom.*

*28. Inoltre, il-Qorti Kostituzzjonali* ***ga tat rimedju lir-rikorrenti*** *meta amret illi r-Regolamenti jinbidlu sabiex Victoria Cassar (u nisa ohra fl-istess sitwazzjoni taghha) jkunu jistghu jirregistraw bhala* ***persuni eligibbli****. Inghatat ukoll ordni illi, specifikament fir-rigward ta` Cassar, il-Bord ihalli lir-rikorrenti tirregistra bhala persuna eligibbli biex tigi konsidrata bhala Haddiem tal-Port. Dan kollu twettaq, ghajr illi Victoria Cassar, ghar-ragunijiet taghha, ma resqitx biex tirregistra.*

*29. Ghalhekk ghall-kuntrarju ta` dak li qed jigi mtenni mir-rikorrenti, il-Qorti tal-Appell mhux talli ma "injoratx" dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali izda talli applikatu skrupolozament.*

*30. Illi, kif intqal, hija pjuttost ir-rikorrenti illi qieghda (konvenjentement) tinjora certi aspetti tas-sentenza Kostituzzjonali. Hekk, safejn ir-rikorrenti qed titlob, bit-tieni talba taghha, li "tinghata l-licenzja ta` missierha bhala haddiem tal-port b`effett mill-1 t`Awwissu, 1992", kif intqal, din ghandha tigi michuda ghaliex tmur oltre dak li ddecidiet is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta` Novembru, 2001 li ordnat biss illi r-rikorrenti tithalla tirregistra bhala "persuna elegibbli". Dan barra l-fatt illi b`nota tas-6 ta` Settembru, 2006 fl-atti tal-kawza civili, ir-rikorrenti irrinunzjat ghat-talba taghha illi "tithalla tirregistra ufficjlament". Ghalhekk ma tistax, issa li kellha ripensament (****ghaliex binha qieghed issa jippretendi li jiret il-licenzja taghha!****) terga` titlob rimedju li qabel irrinunzjat ghalih;*

*IV. Ebda ksur tad-dritt ghal helsien minn "trattament degradanti" (Artiklu 3 tal-Konvenzjoni)*

*31. Illi l-fatti li minnhom qed tilmenta r-rikorrenti, anke li kieku huma minnhom, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jammontaw ghal "trattament degradanti".*

*32. Illi intqal f`dan ir-rigward[12] illi biex isehh ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor .... u jidher li llum hu generalment accettat li biex trattament determinat jaqa` taht il-komminazzjonijiet tad-dispozizzjonijiet fuq citati, jehtieg certu grad ta` gravita`"[ Kost. 20.7.1977 fil-kawza fl-ismijiet Guzeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et (Dec. Kost. II, Gh.S.L., pag. 549)], li minghajru ma jkunx jista` jinghad li sehh ksur ta` dak il-jedd [Q.E.D.B. 6.10.2015 fil-kawza fl-ismijiet Lecomte vs Germanja (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2]. Ghalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn semplici inkonvenjenza jew disagju [Kost. 18.11.1989 fil-kawza fl-ismijiet Testa vs Attard noe et (Kollez. Vol: LXXIII.i.185)];*

*Issir referenza wkoll ghas-sentenza Matthew Bajada v l-Avukat Generali et[13] li fiha din il-Qorti kif presjeduta dahlet dettall fil-kuncetti ta` trattament degradanti, kif ukoll dawk relatati ta` "tortura" u "trattament inuman" u tenniet illi anke "trattament degradanti" jirrikjedi livelli ta` certa gravita`.*

*33. Fil-kaz odjern pero` ghandna persuna illi, wara illi ghamlet karriera bhala ufficjal gholi tal-bank, qed tippretendi kumpens stratosferiku ghaliex kienet taqla` izjed li kieku hadmet bhala port worker u qed tilmenta ghaliex il-Qrati Civili ma tawhiex ragun. Dan ma jissarrafx fi trattament "degradanti".*

*V. Ebda ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq (Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni)*

[12] *Anthony Gauci v Malta Maritime Authority, 14.06.2016*
[13] *29 ta` Settembru, 2016*

*34. Victoria Cassar ittenni illi l-Qorti tal-Appell bis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju, 2017 kisret id-dritt taghha ghal smiegh xieraq ghaliex "irrevokat res judicata".*

*35. Din hija allegazzjoni fattwalment zbaljata ghaliex il-Qorti tal-Appell mhux talli ma rrevokatx is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta` Novembri, 2001 izda talli applikata skrupolozament u waslet ghall-konkluzjonijiet taghha fil-qafas tal-imsemmija sentenza.*

*36. Il-Bord esponenti jtenni illi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali sabet illi r-Regolamenti tal-Port kif mfassla dak iz-zmien kienu diskriminatorji u tat rimedju billi ordnat illi l-Bord ihalli lir-rikorrenti appellata tirregistra bhala persuna elegibbli. Kif ga ntqal qabel, dan ir-rimedju gie applikat mill-Bord wara illi, wkoll, ir-Regolamenti gew mibdula b`tali mod li ma jwasslux ghal diskriminazzjoni sesswali. Il-Qorti Kostituzzjonali pero imkien ma stqarret illi kellu wkoll jigi likwidat xi kumpens favur ir-rikorrenti. U l-Qorti tal-Appell, ghar-ragunijiet li ga rajna, cahad din it-talba. B`daqshekk pero ma jfissirx illi l-Qorti "rrevokat res judicata".*

*37. Huwa sinjifikanti illi r-rikorrenti ma tipponta subghajha lejn ebda nuqqas specifiku tal-Qorti tal-Appell u jidher illi l-ilment taghha huwa biss fis-sens li ma taqbilx mas-sentenza tal-Qorti. Kif ga ntqal pero`, dan mhuwiex "appell minn appell".*

*VI. Ebda ksur tad-dritt ghal rimedju effettiv (Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja)*

*38. Ghall-istess ragunijiet migjuba fit-taqsima precedenti, il-Bord esponenti jsostni illi ma kien hemm ebda ksur tad-dritt ghal "rimedju effettiv". Dan ghaliex il-Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza taghha tat-2 ta` Novembru, 2001 provdiet rimedju effettiv li wassal biex (i) inbidlu r-Regolamenti b`dan li ma baqghux diskriminatorji (ii) Victoria Cassar thalliet tirregistra bhala haddiema prospettiva tal-Port izda, ghar-ragunijiet taghha, ma resqitx biex taghmel dan.*

*39. Safejn imbaghad ir-rikorrenti qed tilmenta minn dewmien fil-proceduri, il-Bord jinnota illi, ghalkemm oggettivament tassew illi l-proceduri twalu erbgha u ghoxrin sena:*

*(i) il-Bord mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal din il-lanjanzja*

*(ii) l-iter procedurali kien wiehed kumpless illi kien jinvolvi l-ftuh separat ta` proceduri Kostituzzjonali fil-kuntest ta` dawk civili*

*(iii) wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, intilfu litteralment snin sakemm ir-rikorrenti ddecidiet illi ma tridx tersaq biex tirregistra u l-kawza setghet titkompla*

*VII. Ebda ksur tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti (Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja)*

*40. Ir-rikorrenti ssostni illi gie lez id-dritt taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti. B` "possedimenti" hija qed tifhem "id-danni likwidati gudizzjarjament fl-ammont ta` EUR 799,168.00" bis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta` Novembru, 2012.*

*41. Dan ir-ragunament m`ghandux mis-sewwa ghaliex huwa car illi sentenza moghtija mill-Prim Awla sakemm m`ghaddietx in gudikat tibqa` dejjem soggetta ghall-appell u ghalhekk ma tistax titqies finali. Isegwi illi, ladarba tali sentenza mhijiex finali, kwalunkwe` ammont likwidat mill-Qorti la jista` jigi kkunsidrat "legitimate expectation" u wisq u wisq anqas "possediment" kif mifhum mill-Konvenzjoni Ewropeja. F`dan ir-rigward, huwa fil-fatt ironiku illi l-istess Victoria Cassar appellat mill-istess sentenza illi issa qed issostni illi tatha "possediment".*

*42. Isegwi wkoll illi jekk, dato ma non concesso, din il-Qorti jidhrilha illi r-rikorrenti tassew haqqha xi kumpens, m`ghandux jigi applikat b`mod awtomatiku l-kumpens likwidat mill-Qorti fis-sentenza tal-14 ta` Novembru, 2012 u dan ghaliex il-kalkolu ta` tali kumpens kien gie kontestat fl-istadju tal-appell. Kemm hu hekk, ghalkemm il-Bord kien qed jikkontesta s-sejbien ta` responsabbilita`, huwa kien sussidjarjament ukoll ikkontesta l-quantum likwidat mill-ewwel Qorti.*

***VIII.*** *<u>Konkluzjoni</u>*

*43. Illi fid-dawl tar-ragunijiet li ssemmew u ghal-ragunijiet ohra li ser jigu spjegati:*

*(i) L-<u>ewwel talba</u> tar-rikorrenti ghandha tigi mihuda stante li mhux minnu illi sar xi ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti;*

*(ii) Safejn ir-rikorrenti qed titlob, bit-<u>tieni talba</u> taghha, li "tinghata l-licenzja ta` missierha bhala haddiem tal-port b`effett mill-1 t`Awwissu, 1992" din ghandha tigi michuda wkoll ghaliex tmur oltre dak li ddecidiet is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta` Novembru, 2001 li ordnat biss illi r-rikorrenti tithalla tirregistra bhala persuna elegibbli. Dan barra l-fatt illi b`nota tas-6 ta` Settembru, 2006 fl-atti tal-kawza civili, ir-rikorrenti irrinunzjat ghat-talba taghha illi "tithalla tirregistra ufficjlament";*

*(iii) It-<u>tielet talba</u> ghandha wkoll tigi michuda ghaliex mhux minnu li kien hemm xi ghelt fis-sentenza tas-26 ta` Mejju, 2017;*

*(iv) Ir-<u>raba` talba</u> ghandha wkoll tigi michuda ghaliex l-esponenti la huwa responsabbli ghal danni pekunjarji jew morali;*

*44. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti li kienu allegati tal-kawza civili fl-ismijiet *Victoria Cassar et vs Carmel Schembri noe (Citaz. Nru. 1560/93)* li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta` Mejju 2017.

Rat ukoll l-atti tar-rikors kostituzzjonali nru. 706/99 RCP fl-ismijiet *Victoria Cassar vs Awtorita` Marittima ta` Malta et* li kien deciz fit-2 ta` Novembru 2001 mill-Qorti Kostituzzjonali.

Semghet ix-xiehda.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti bhala prova.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali bil-fomm.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Fatti</u>

### 1. <u>L-isfond</u>

Missier ir-rikorrenti, Carmel Abela kien haddiem licenzjat tal-port. Irtira mix-xoghol bil-pensjoni fl-1 ta` Awwissu 1992. Kellu tlitt itfal kollha bniet ; ir-rikorrenti kienet il-kbira.

Skont l-Art 5(1) tar-Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port 1993, kif kien qabel kien emendat, kien jaghti dritt lill-ewwel wild maskili tal-haddiem koncernat illi jiret il-licenzja ta` missieru, u allura jkompli fix-xoghol meta l-missier jieqaf bl-eta` tal-irtirar jew imut. Il-ligi kienet titkellem dwar ulied subien u allura ma kienx permess illi mara tiret il-licenzja.

Bhala l-ikbar fost l-ahwa Abela, ir-rikorrenti riedet tiehu post missierha meta jirtira. Meta missierha gie biex jirtira hija rregistrat l-interess taghha sabiex isimiha jitnizzel fir-registru tal-haddiema prospettivi tal-port. Hija pero` kienet mizmuma milli taghmel dan mill-Bord dwar il-Haddiema tal-Port, u isimha ma thalliex jitnizzel fir-registru. Ir-raguni moghtija kienet illi r-rikorrenti hija mara, u l-ligi kienet titkellem dwar irgiel biss.

Intant Joseph Abela, iz-ziju tar-rikorrenti, u cioe` cioe hu missierha, applika minghajr il-kunsens ta` Carmelo Abela jew ta` r-rikorrenti, u kien accettat mill-Bord sabiex fit-2 ta` Jannar 1994 jibda jahdem bhala haddiem licenzjat tal-Port billi ha l-post vakanti ta` huh Carmelo Abela.

## 2. <u>Il-kawzi</u>

Minhabba din l-isvolta, ir-rikorrenti ghamlet diversi kawzi. Il-Qorti sejra tirreferi ghalihom b`ordni kronologiku.

### a) <u>Victoria Cassar et vs Carmel Schembri noe</u><br>Citaz. Nru. 1560/93 SM

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex :-

1. *Tordna lill-konvenut sabiex ma jimpjega lil ebda persuna bhala haddiem tal-port sabiex jimla` l-post vakanti li halla l-istess missier l-attrici ;*

2. *Tordna lill-konvenut sabiex ihalli lill-attrici tirregistra ufficjalment isimha fil-ktieb tal-haddiema prospettivi tal-port ;*

3. *Tillikwida kwalsiasi danni li tista` ssofri l-attrici kemm-il darba il-konvenut noe jdahhal xi persuna sabiex jimla` l-post vakanti li halla missierha meta rtira ; u*

4. *Tikkundanna lill-konvenut noe ihallas lill-attrici d-danni kollha likwidati rizultanti mit-talba precedenti.*

Kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-**<u>26 ta` Gunju 1995</u>**, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-**<u>5 ta` Ottubru 1995</u>** (fol. 165).

Kif jirrizulta mill-verbali tas-seduti ta` wara, kien hemm 15–il differiment biex tinghata sentenza.

Minhabba dan it-trapass ta` zmien, u tenut ukoll kont tal-urgenza tal-kaz, l-attrici ntavolat rikors fl-1 ta` Dicembru 1998 fejn talbet sabiex il-kawza tkun deciza.

**Fis-<u>7 ta` Mejju 1999</u> inghatat sentenza in parte.**

Il-parti sostantiva tad-decizjoni taqra hekk:

> “ ... *Il-vertenza allura tirrizolvi ruhha f`wahda ta` indole kostituzzjonali dwar il-validita` tar-regolamenti taht ezami u jekk dawn setghux jigu inficjati abbazi ta` diskriminazzjoni fuq raguni ta` sess, kemm taht il-provvedimenti tal-Kostituzzjoni kif ukoll taht dawk tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti ma tistax taccetta l-eccezzjoni tal-konvenut illi t-tieni domanda kellha tigi michuda peress li l-attrici qatt ma giet impeduta milli tirregistra ufficjalment fil-ktieb tal-haddiema prospettivi tal-port. Il-provi juru xort`ohra u l-Qorti waslet ghall-konvinciment illi kull applikazzjoni ta` l-attrici sew jew tempestiva, u sew jekk le, kienet tigi rigjutata fuq il-bazi biss ta` interpretazzjoni li kienet, u ghadha, qed tinghata lir-Regolamenti mill-awtoritajiet kompetenti. Dik l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk rigettata. Ghall-bqija din il-Qorti tifhem li ghandha tissoprasjedi u ma tippronunzjax gudizzju finali qabel ma jkun gie epurat u deciz il-kwezit kostituzzjonali sollevat mill-attrici anke formalment fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha u dana quddiem il-Qorti kompetenti fil-konfront ta` min kien bil-ligi l-legittimu kontradittur.*

*Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza in parte billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine illi l-attrici tilfet kull beneficcju li talvolta seta` kellha minhabba li naqset li tottempra ruhha mar-Regolamenti tal-Bord b`mod partikolari li tapplika lill-awtorita` kompetenti tempestivament fiz-zmien statutorju stabbilit. Dana bl-ispejjez ghall-konvenut. Il-Qorti taghti zmien ta` xahar lill-attrici biex tipprocedi bir-rikors appositu ghad-dikjarazzjoni ta` l-inkostituzzjonalita` tar-regolamenti taht ezami abbazi ta` diskriminazzjoni minhabba sess, u thalli l-kawza sine die riappuntabbli b`rikors minn xi parti ukoll pendenti l-ezitu ta` dawk il-proceduri."*

**Daqstant ghalissa fejn jirrigwarda din il-kawza.**

**Tkompli tittratta dwarha aktar tard.**

**b) <u>Victoria Cassar vs Awtorita` Marittima ta` Malta et</u>**
**Rik. Nru. 706/99 RCP**

Bil-presentata ta dan ir-rikors, ir-rikorrenti qaghdet mal-ordni li kienet inghatat bis-sentenza in parte tas-7 ta` Mejju 1999 (*supra*).

Ir-rikorrenti talbet lil din il-Qortri diversament presjeduta sabiex :-

> *1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-artikolu 13 tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 tal-1993) u l-artikoli l-ohra tar-Regolamenti li jaghmlu riferenza ghas-sess maskili biss, jilledu d-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti protteti mill-artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 marbutin ma` l-artikolu 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, in kwantu joholqu diskriminazzjoni fuq bazi tal-istess.*
>
> *2) Tiddikjara null u bla effett l-artikolu 13 tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 tal-1993) u dawk l-artikoli kollha l-ohra tar-Regolamenti tal-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) u li jaghmlu diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess;*
>
> *3) Taghti kull rimedju iehor necessarju w opportun, biex jigu protteti d-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti kif fuq inghad, fosthom li tordna lill-intimat Bord tal-Haddiema tal-Port jirregistra lill-esponenti fir-Registru tal-Haddiema tal-Port.*

**Wara li ghamlet analizi tad-dottrina u tal-gurisprudenza dwar id-dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni abbazi ta` sess skont l-Art 45 tal-Kostituzzjoni, u skont l-Art 14 marbut mal-Art 3 u 8 tal-Konvenzjoni, il-Qorti tat decizjoni fid-19 ta` Ottubru 2000.**

Id-decide kien ighid hekk :-

*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, filwaqt li tichad ir-risposti tal-Prim Ministru, tal-Avukat Generali u tal-Awtorita` Marittima,* ***taqta` u tiddeciedi****, billi* ***tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti*** *kif ser isegwi :*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-****Artikolu 13 tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port*** *(Avviz Legali 90 ta` l-1993) u l-Artikoli l-ohra tar-Regolamenti li jaghmlu referenza ghas-sess maskili biss u cioe` r-****regolamenti numri 14, 16 u 17****, jilledu d-drittijiet fundamentali ta` l-esponenti protetti mill-****Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 marbut ma` l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem****, in kwantu joholqu diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess, b`dan li kull distinzzjoni fuq il-bazi ta` l-istess ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett.*

2. *Tiddikjara null u bla effett l-****Artikolu 13 tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port*** *(Avviz Legali 90 ta` l-1993) u dawk l-Artikoli kollha l-ohra tar-Regolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) fuq indikati Regolamenti numri 14, 16 u 17 u dan biss inkwantu li jaghmlu diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess.*

   *Tordna lill-intimat Carmel Schembri ghan-nom u in rappresentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port ihalli lir-rikorrenti tirregistra bhala haddiem tal-Port fir-Registru tal-Haddiema tal-Port b`effett retroattiv mid-data ta` l-1 ta` Awissu 1992 b`mod li jigu sodisfatti r-rekwiziti tar-****Regolament 11 (3)*** *ta` listess Avviz Legali 90 tan-1993.*

*Spejjez a karigu ta` l-intimati.*

**Minn din id-decizjoni, sar appell.**

**Fis-sentenza taghha tat-2 ta` Novembru 2001, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-**

(a) *tastieni milli tiehu konjizzjoni ta` l-appell incidentali billi kien qed jigi rigettat l-appell principali w is-sentenza appellata konfermata. L-ispejjes ta` l-appell incidentali jibqghu a karigu ta` l-appellata.*

b) *tirrigetta l-appell principali bl-ispejjes kontra l-appellanti.*

c) *tikkonferma s-sentenza appellata b`dan illi ghall-fini ta` kjarezza t-tielet paragrafu tad-decide ghandu jinftiehem fis-sens illi l-ordni moghti lill-intimat Carmelo Schembri nomine kien illi* ***jhalli lir-rikorrenti appellata <u>tirregistra bhala persuna eligibbli biex tigi konsidrata</u>*** *bhala Haddiem tal-Port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xoghol.*

*Bl-ispejjez tal-Prim`Istanza jibqghu kif gia` minn dik il-Qorti decizi, cioe` kontra l-intimati.*

**c) <u>Victoria Cassar et vs Carmel Schembri noe</u>**
**Citaz. Nru. 1560/93 SM**

Wara d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-kawza kienet riappuntata ghas-smigh.

**Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Novembru 2012, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili qalet hekk :-**

*Illi tenut kont tas-suespost ghandu jigi ribadit bi kjarezza li d-danni fuq riskontrati huma naxxenti mill-atitudini xejn dinjituza mehuda mill-Bord in*

*dizamina u mill-Awtorita` li issa assorbiet il-funzjonijiet tal-istess, li nonostante t-tlett decizjonijiet tad-diversi qrati fuq riferiti xorta baqghu jostakolaw lill-attrici u jzommuha milli tiehu dak li, bi dritt, hu taghha ;*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-konvenuti nomine fir-rigward, u li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg talbiet tal-atturi, takkolji t-tielet (3) u r-raba` (4) talbiet tal-atturi u konsegwentement :*

1. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Victoria Cassar minhabba l-agir riskontrat tal-konvenut nomine fl-ammont ta` seba` mija u disgha u disghin elf, mija u tmienja u sittin Ewro, (€799,168.00).*

2. *Tikkundanna lill-konvenut nomine fuq indikat biex ihallas l-ammont hekk likwidat indikat filparagrafu precedenti lill-atturi Victoria u Raymond konjugi Cassar kif fuq gia` debitament indikati.*

3. *Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-istess konvenut nomine u bl-imghaxijiet legali saleffettiv pagament.*

**Sar appell.**

**Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Mejju 2017, il-Qorti tal-Appell ippronunzjat ruhha hekk :-**

*L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel Qorti kellha l-ewwel tiddeciedi fuq irresponsabbilita` tal-konvenut nomine qabel tghaddi ghal-likwidazzjoni u l-kundanna ghall-hlas tad-danni mitluba.*

*L-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti ghaddiet mill-ewwel ghal-likwidazzjoni tad-danni minghajr ma stabbiliet ir-responsabbilita` o meno tieghu ghal dawk id-danni. Jippreciza li mhux qed jghid li kien hemm `omissa decisione` ghaliex ma kien hemm ebda talba ghal dikjarazzjoni ta` tali responsabbilita` izda jsostni li `jidher car li l-ewwel Qorti injorat totalment il-pern tal-kawza`.*

*Din il-Qorti taqbel mal-logika tal-argument imressaq mill-appellant. Lappellata fic-citazzjoni taghha talbet l-ewwelnett biex il-konvenut nomine ma jimpjega lil hadd biex jimla` l-post vakat minn missierha u biex ihalliha tirregistra isimha fil-ktieb tal-haddiema prospettivi. Imbaghad talbet il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kemm il-darba jigi mpjegat xi hadd minflok missierha. L-ewwel Qorti fl-ewwel sentenza taghha (7 ta` Mejju 1999) iddecidiet li ma tippronunzjax ruhha qabel ma jigi sollevat il-kwezit kostituzzjonali dwar il-validita` tal-ligi invokata mill-konvenut nomine. …*

*Ghalhekk ma kienx awtomatiku kif donnha dehrilha l-ewwel Qorti li xogholha kien issa biss li tillikwida l-hlas u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas id-danni. Kellha l-ewwel tistharreg x`responsabbilta` kellu l-konvenut u x`ness kien hemm – jekk kien hemm – bejn lazzjonijiet tal-appellant u d-danni li qed tallega li sofriet l-appellata. Din il-Qorti pero` m`hijiex se tieqaf hawn u tirrimetti l-process lill-Prim`Awla kif tista` taghmel, ghaliex aktar dilungar tal-proceduri jservi biss biex itawwal l-incertezza tas-sitwazzjoni bejn il-kontendenti. Ghalhekk, anke* ***ghaliex dan il-punt huwa trattat fl-atti tal-appell u li l-Avukati rispettivi trattaw oralment ukoll dwaru****, se tistharreg il-kwistjoni ta` jekk fil-fatt kienx hemm dan in-ness u allura kienx hemm irresponsabbilita` tal-appellant ghad-danni reklamati.*

*L-appellanti issostni li fi kliemha, hija "kellha idejha marbuta mirregolamenti" in kwistjoni; tant huwa hekk illi l-istess appellata dejjem sostniet fil-kors tal-proceduri odjerni illi l-appellanti kellha tinterpreta listess regolamenti b`mod favorevoli ghaliha meta dan ma kienx assolutament possibbli.*

*Fil-fatt is-sentenza parzjali tal-1999 moghtija mill-Prim`Awla ikkonkludiet illi l-Artikolu 13 tar-Regolamenti tal-1993 li gie fis-sehh fl-1993:*

*"jillimita espressament il-mili tal-vakanzi krejati fix-xoghol tal-port ghall-persuni tas-sess maskil. Dan hu aktar minn evidenti mhux biss ghall-mod kif ir-Regolament numru 5 (13) fid-diversi subincizi tieghu gie redatt, imma wkoll mill-mod kif dan il-hsieb centrali firrigward tal-elegibilita` tal-persuni biex jimlew il-vakanzi hu trasmess f`regolamenti ohra ssussegwenti li jirregolaw aspetti ohra tal-istess mertu, fosthom regolamenti 6, ….."*

*"hu car li l-fatt li ghazel li juza l-kelma "sons" seta` biss jigi nterpretat li kien ghamel dan intenzjonalment biex jassigura li rRegolament ikun japplika lil dawn bl-eskluzzjoni ta` ulied ta` sess femminili. Esklussjoni li hija sottolinejata bl-uzu tat-terminu "lelegibilita` ghall-mili ta` vakanza ghandha tkun limitatata ghal iben jew ghal hu dak il-haddiem tal-port li jkun ikkreja l-vakanza… . ..Infatti, l-attrici tissottometti illi jekk din il-Qorti jidhrilha li lkonvenut kien obbligat mil-ligi, li jirrifjuta l-applikazzjoni taghha <u>minhabba proprju l-interpretazzjoni li din il-Qorti qed tikkonsidra bhala korretta tar-regolamenti taht ezami</u>, (sottolinear ta` din il-Qorti) allura hi tqis li l-ligi hija in vjolazzjoni ta` l-artikolu 45 talKostituzzjoni u l-artikolu 14 marbut mal-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem".*

*Għalhekk l-appellant nomine jsostni li huwa mexa mal-ligi meta agixxa bil-mod li agixxa – tant huwa hekk li l-Qorti Kostituzzjonali sussegwentement iddikjarat null ir-regolament fuq bazi ta` sess. Għalhekk ikompli jgħid li l-appellata ma setgħetx tistenna li jħalliha tirregistra bħala haddiema tal-port meta l-ligi dak iz-zmien kienet tipprojbixxi li dan isir.*

*L-appellata tirrispondi għal dan l-argument billi tgħid li l-appellant ma jistax iwaħħal fil-ligi għaliex kien hu li kien qed jiddiskrimina magħha u li l-appellat nomine kien agixxa b`mod selettiv u arbitrarju bil-mod kif applika l-ligi. Hija baqgħet issostni li l-Att dwar l-Interpretazzjoni kien diga` jippermetti interpretazzjoni tar-regolamenti b`mod li ma kienx jibqa` diskriminatorju.*

*Din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif baqgħet targumenta l-appellata f`dan ir-rigward. L-ewwelnett l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tarregolament in kwistjoni għaddiet in gudikat u allura hija ma tistax tibqa` tostina ruħha f`dan is-sens. Fil-fatt il-Qorti ordnat lill-appellata li tressaq l-ilment tagħha quddiem il-Qorti Kostituzzjonali biex din tinvestiga lkostituzzjonalita` o meno tal-istess regolament, kif fil-fatt għamlet. Għalhekk l-appellant nomine applika l-ligi ezistenti korrettament, sia pure din il-ligi giet dikjarata eventwalment li tikser il-provvedimenti kostituzzjonali fir-rigward.*

*L-appellanti nomine ssemmi wkoll li l-appellata naqset li tirregistra ruħha biex taħdem bħala port worker wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali għalkemm giet mistiedna tagħmel dan mill-istess Port Workers Board. L-appellata tirrispondi għal dan billi tgħid illi hija ma għamlitx dan għaliex il-permess li kellu missierha kien gie assenjat lil zijuħa qabel ma bdiet ilkawza. Għalhekk hija tgħid li kull eventwali applikazzjoni tagħha kienet se tkun inutili.*

*Fil-fatt fir-risposta taghha ghall-appell hija tghid li `ilverita` kienet li hija ma setghetx tmur tapplika ghaliex postha kien diga` mehud`.*

*Din il-Qorti ma tistax taccetta dan l-argument tal-appellata. Ma kienx jispetta liha tiddeciedi minn qabel li ma kenitx se tigi registrata bhala port worker ghaliex post missierha imtela` minn zijuha. Dan kollu huwa suppozizzjoni min-naha taghha. Hija kellha l-opportunita` tapplika u irrifjutat ghar-ragunijiet taghha – minflok hija qaghdet tistenna lill-Qrati biex jikkumpensawha ghal kull minuta xoghol li qed tghid li tilfet minhabba dak li gara u oltre – bl-ingliz `she sat back` u qaghdet tistenna kumpens asronomiku kif jidher anke mill-appell incidentali taghha.*

*Dan l-aggravju ghalhekk huwa akkolt u din il-Qorti ma ssibx li l-appellat nomine kien responsabbli ghad-danni li qed tallega li sofriet l-appellata. Stabbilit dan, ma hemmx lok li l-Qorti tezamina l-kumplament tal-appell principali u lanqas l-appell incidentali.*

***<u>DECIZJONI</u>***

*Ghalhekk il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tilqghu, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet attrici akkolti fl-istess sentenza – l-ispejjez taz-zewg istanzi – hlief dawk gia` decizi u li ghaddew in gudikat – ikunu bla taxxa bejn il-partijiet stante c-cirkostanzi tal-kaz u n-novita` tal-kwistjoni.*

**3. <u>Atti gudizzjarji ohra</u>**

Wara s-sentenza tat-2 ta` Novembru 2001, ir-rikorrenti pprezentat ittra ufficjali fl-14 ta` Frar 2003, kontra l-intimati ta` dik il-kawza fejn ippremettiet u talbet :-

*Illi minkejja li l-kawza fl-ismijiet fuq premessi ghaddiet in gudikat, sal-gurnata tal-lum l-intimati naqsu milli jottempraw u jwettqu l-ordni moghtija mill-Qrati. L-agir tal-intimati qieghed ikompli jcahhad lill-mittenti mit-tgawdija tad-drittjiet taghha.*

*Ghaldaqstant, il-mittenti qeghda ssejhilkom sabiex fi zmien jumejn tirregistrawha fir-Registru tal-Haddiema tal-Port b`effett retroattiv, igifieri minn meta rtira missierha mix-xoghol bhala haddiem tal-Port. Dan skond l-ordni moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza moghtija fit-2 ta` Novembru 2001.*

## III. Xiehda

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija tahdem bhala Manager ma` Bank of Valletta plc. Missierha Carmelo Abela kien haddiem licenzjat tax-xatt u rtira mix-xoghol fil-31 ta` Lulju 1992. Skont il-ligi, is-sengha setghet tghaddi ghand l-akbar fl-eta` fost l-ulied irgiel tal-haddiem meta dan imut jew jirtira bl-eta` jew ghal ragunijiet ta` mard, jekk il-persuna tapplika. Jekk ma jkunx hemm ulied, il-licenzja setghet tghaddi ghand hut il-haddiem licenzjat.

Fissret illi hija kienet eligibbli sabiex tiret din il-licenzja. Fil-fatt applikat sabiex turi l-interess taghha pero` t-talba taghha dejjem giet rifjutata peress illi kienet mara. Fl-1993 kienet kostretta taghmel kawza biex thares il-jeddijiet taghha u sabiex il-licenzja li kellu missierha ma tmurx ghand haddiehor,

Tghid illi ntant il-Port Workers Board ghadda l-licenzja li kienet ta` missierha lil Joseph Azzopardi, iz-ziju taghha. Id-decizjoni tal-Bord kienet arbitrarja ghaliex kellha tkun hi bhala l-persuna intitolata ghal-licenzja illi ccedi l-licenzja. Hija ma cediet id-dritt taghha lil hadd.

Fix-xiehda taghha ghamlet referenza ghall-kawzi fuq citati.

Stqarret illi minkejja s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Port Workers Board baghat ghaliha fl-2004.

Fissret li l-Bord ried jirregistraha ghal-licenzja mill-1 ta` Awissu tal-2004. Hija rrifjutat dak li kien propost ghaliex riedet li tkun registrata mill-1992 ghaliex altrimenti l-arrangament propost kien ser jimplika ghaliha telf finanzjarju apparti l-fatt illi l-licenzja setghet eventwalment tghaddi ghand binha Carlo Cassar.

Kompliet tfisser illi dak id-dewmien kien ser itellifha wkoll il-queueing ghaliex min lahaq irtira bejn l-1992 u l-2004 u kellu lil min applika minn floku kien ser jaqbizha.

Xehdet illi meta ntemmu l-proceduri kostituzzjonali komplew il-proceduri civili.

Kompliet tirreferi ghall-proceduri gudizzjarji li gew wara u li diga` saret referenza ghal-esitu taghhom.

Stqarret illi b`effett tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (*supra*) hija batiet kemm moralment kif ukoll finanzjarjament.

Spjegat illi llum il-gurnata hemm 39 mara jahdmu l-port u hemm aktar dehlin.

Stqarret illi dan kien kien possibbli bis-sahha taghha wara li bil-proceduri legali li ghamlet kien hemm bidliet fil-ligi.

Gara pero` li ghalkemm kellha tkun hi l-ewwel mara li tidhol tahdem b`licenzja ta` haddiem tal-port, kienu nisa ohra li dahlu jahdmu l-port u waslu anke biex jirtu l-licenzja uliedhom nisa – kollox bil-mertu taghha – waqt li hi baqghet barra.

Spjegat illi hija qatt ma rrifjutat illi titlaq mix-xoghol taghha l-Bank pero` ma kelliex alternattiva u kellha tibqa` hemm pendenti l-proceduri fil-qrati.

Qalet illi llum il-kwistjoni ghadha miftuha ghaliex waqt illi kellha sentenza kostituzzjonali li tghid li kellha tigi registrata sa mill-1 ta` Awissu 1992, il-Bord baqa` ferm fid-decizjoni tieghu li jirregistraha mill-1 ta` Awissu 2004.

Fissret illi wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-2001, kien biss fl-2004 li l-Bord baghat ghaliha.

Xehdet illi fir-rigward tat-tifel taghha, dan ipprezenta protestr gudizzjarju ghaliex ressaq pretensjoni fis-sens illi kellu dritt jiehu l-licenzja li kellha tkun ta` ommu. Bil-fatt li dak li kien ta` missierha, spicca mhux ghand binha izda ghand Victoria Abela, li tigi bint Joseph Abela, binha garrab danni tort tad-decizjoni tal-Bord.

Stqarret illi hija qatt ma hadet attitudni passiva jew qaghdet tistenna lill-qrati jaghtuha xi somma flus. Ghamlet 25 sena tiggieled ghal dak li huwa taghha.

**Louis Buhagiar** xehed illi fil-bidu tas-snin 2000 dahlet tahdem bhala haddiem tal-port licenzjata l-ewwel mara, certa Carmen Mifsud, maghrufa bhala "Perelli" bint Leli.

Spjega illi l-licenzja kienet tintiret mill-missier ghall-iben. Il-ligi inbidlet fl-2001 sabiex l-ewwel iben giet tinkludi l-ewwel wild. Is-sistema

hija illi l-ewwel wild jirregistra l-interess tieghu illi jrid jiret il-licenzja ta` missieru. Jekk l-ewwel wild ma jkollux dan l-interess, allura jrid jirregistra dan in-nuqqas ta` interess bil-miktub sabiex icedi l-licenzja favur haddiehor.

Xehed illi meta rtira mix-xoghol missier Victoria Cassar, il-Bord dwar il-Haddiema tal-Port ma setax jirregistra lilha sabiex tiret il-licenzja. Ghalhekk il-licenzja ghaddiet ghand iz-ziju taghha, hu missierha, Joseph Abela, fl-1994.

**Carlo Cassar** xehed illi huwa jigi iben ir-rikorrenti. Ghandu ghoxrin sena u jahdem bhala *clerical officer* il-Bank. Xehed illi huwa pprezenta protest gudizzjarju sabiex jirregistra l-interess tieghu illi jidhol jahdem bhala port worker minflok ommu. L-applikazzjoni kienet rifjutata.

Xehed illi originarjament il-licenzja kienet tan-nannu tieghu Carmel Abela, imbaghad ghaddiet ghand iz-ziju ta` ommu, Joseph Abela, u issa ghaddiet ghand it-tifla ta` Joseph Abela, Victoria Abela li tigi l-kugina taghha.

Spjega illi huwa rregistra l-interess tieghu sabiex jiret il-licenzja ghaliex kien jispetta lilu d-dritt illi jiret dik il-licenzja. Spjega illi fiz-zmien li l-licenzja nghatat lil Joseph Abela, il-licenzja kellha tinghata lil ommu. Fisser illi ommu hadet passi legali sabiex tkun tista` tidhol fil-post ta` haddiem tal-port izda baqghet barra ghaliex il-licenzja lahqet ghaddiet ghand iz-ziju taghha. Dan ikkawza pregudizzju anke lilu ghaliex li kieku ma garax hekk illum il-gurnata kieku l-licenzja kien jiritha hu.

Xehed illi kieku kellu jahdem il-port kien jaqla` madwar tmien darbiet aktar minn dak li jaqla` fil-prezent. Illum jaqla` €13,000 fis-sena waqt illi haddiem tal-port jaqla` bejn €90,000 u €100,000 fis-sena.

**Carmen Vella** xehdet illi llum tahdem bhala port worker. Dahlet ghal dak ix-xoghol fl-2004, wara missierha, Emmanuel Mifsud, li kien irtira

biz-zmien xi tliet snin qabel. Hija kienet l-ewwel mara li dahlet tgahdem bhala port worker.

**Av. Dr. Robert Vassallo** xehed illi t-tifel ta` r-rikorrenti mar l-Awtorita` Ghat-Trasport F`Malta **(l-Awtorita`)** sabiex jirregistra l-interess tieghu li jkun inkluz fir-registru tal-haddiema prospettivi tax-xatt pero` l-Awtorita` ma hallitux jaghmel dan.

Spjega illi fir-registru jitnizzlu biss l-ulied tal-haddiema licenzjati u billi Victoria Cassar ma kellhiex licenjza it-tifel taghha ma setax jigi registrat.

Stqarr illi wara d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Victoria Cassar dejjem irrifjutat illi tirregistra l-interess taghha fir-registru tal-haddiema prospettivi. Fis-sentenza tal-Ewwel Qorti, kien ordnat illi Victoria Cassar tigi registrata bhala haddiem tax-xatt. Fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali, din irriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti billi ordnat illi Victoria Cassar kellha tigi registrata skont il-procedura stabbilita fil-ligi. Kien ghalhekk illi l-Awtorita` stiednet lir-rikorrenti sabiex tirregistra l-interess taghha. Hi pero` irrifjutat. Dan kien fl-2001 meta Victoria Cassar kien ghad kellha anqas minn 45 sena u setghet tigi registrata bhala haddiem tax-xatt.

Fisser illi l-kaz fil-qorti beda fl-1993 u spicca fl-2001 bid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali. Sal-2001 Victoria Cassar kienet ghadha ma ghalqitx il-45 sena. Ir-regolament jghid illi ma jistax jigi registrat min ikun ghalaq il-45 sena. Sahaq illi skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali l-Awtorita` kienet ordnata tirregistra lil Victoria Cassar fir-Registru Prospettiv. L-Awtorita` obdiet l-ordni tal-Qorti Kostituzzjonali.

Spjega illi l-process huwa illi persuna eligibbli tirregistra ruhha fir-Registru Prospettiv. Sa dak iz-zmien il-persuna interessata ma tkunx ghada giet impjegata. Jekk imbaghad tinghata impjieg u ssir haddeiem tax-xatt u tinghata licenzja. Li kieku Victoria Cassar irregistrat ruhha, isimha kien jitpogga fuq il-lista. Kif ikun hemm post vakanti, jidhol min imissu. Il-

persuna nteressata trid ukoll tipprezenta ghadd ta` dokumenti fosthom kondotta, licenzja tas-sewqan, ezami mediku, taghmel intervista zghira u l-Awtorita` tiddeciedi dwar l-eligibilita` li tinghata l-licenjza. Kif tohrog il-licenzja bhala haddiem tax-xatt, il-persuna tkun tista` tibda fl-impjieg. L-impjieg jibda` meta tohrog il-licenzja.

Fisser illi hemm zewg registry : ir-Registru tal-Haddiema tax-Xatt ; u r-Registru tal-Persuni Eligibbli illi jsiru Haddiema tax-Xatt.

Mistoqsi ghaliex l-Awtorita` ma baghtitx ghal Victoria Cassar sabiex taghmel it-testijiet medici, xehed illi l-process jibda billi persuna titnizzel fir-Registru Prospettiv, u meta tkun waslet biex tinghata l-licenzja, jibda l-process tal-gbir tad-dokumentazzjoni.

Mistoqsi ghaliex l-Awtorita` m`ghaddietx *ipso facto* sabiex tirregistra lil Victoria Cassar fir-Registru Prospettiv, xehed illi kellha tkun Victoria Cassar illi tmur tirregistra ruhha billi timla u tiffirma l-*application form.*

L-Awtorita` tikkontendi illi r-registrazzjoni ta` Victoria Cassar ma kellhiex tkun *ipso facto* izda kellha tmur Victoria Cassar tirregistra. Kellha ssegwi l-istess procedura illi jsegwu l-irgiel.

Stqarr illi l-kaz beda ghaliex il-licenzja nghatat liz-ziju ta` Victoria Cassar billi dak iz-zmien mara ma setghetx tiret il-licenzja. Li kieku r-rikorrenti Victoria Cassar irregistrat, l-Awtorita` kienet tottempra ruhha mad-decizjoni tal-Qorti.

Ighid ix-xhud :-

***Qorti:*** *Jekk dik il-license li minhabba cirkostanzi li kienu gew dikjarati bhala diskriminatorji, minflok hi, hadha z-ziju. Imbaghad ghadda l-process kollu fit-2001. La dik il-licenzja*

*partikolari issa marret ghand iz-ziju, xorta wahda hi kienet se tigi registrata fil-prospettiv?*

.....

***Xhud:*** *Imma jiena ma nistax nghid x`kienet taghmel l-Awtorita` dak iz-zmien imma milli nista` nifhem kien li l-Awtorita` kienet ha tottempra ruhha mal-Ligi jigifieri li kieku kien hemm bzonn tinhareg licenzja ohra, kienet tinhareg licenzja ohra. Daqshekk."*

Stqarr illi l-procedura titlob illi min ikollu interess illi jidhol jahdem bhala port worker irid jirregistra ruhu. Kull sena jrid imur u jgedded dak l-interess. Jekk il-missier ikun spicca mix-xoghol, il-persuna lit kun trid tiret il-licenzja tieghu trid tibqa` ggedded l-interess inkella jekk tinqabez xi sena din tittiehed bhala li ntilef l-interess.

## IV. <u>L-azzjoni tal-lum</u>

Ir-rikorrenti mexxiet bl-azzjoni tal-lum a bazi tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta **<u>(il-Kostituzzjoni)</u>** u tal-Artikoli 6(1), 13, 14 abbinati mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali **<u>(il-Konvenzjoni).</u>**

Ir-rikorrenti tilmenta illi fil-kawza fl-ismijiet **<u>Victoria Cassar et vs Carmel Schembri bhala Chairman in rapprezentanza tal-Port Workers Board</u> Citaz. Nru. 1560/93** li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta` Mejju 2017 :

(i) Garrbet ksur tal-Art 45 tal-Kostituzzjoni ta` Malta billi gie lez id-dritt taghha ghal harsien minn diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess u dan meta l-Qorti tal-Appell bis-sentenza taghha injorat u gabet fix-xejn

il-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta` Novembru 2001 : l-ewwel lanjanza ;

(ii) Garrbet ksur tal-Art 3 abbinat mal-Art 14 tal-Konvenzjoni bil-vjolazzjoni ghad-dannu tieghu tad-dritt ghall-harsien minn diskriminazzjoni li jammonta wkoll ghal trattament degradanti : it-tieni lanjanza ;

(iii) Garrbet ksur tal-Art 6(1) tal-Konvenzjoni bil-vjolazzjoni tad-dritt taghha ghal-smigh xieraq in kwantu l-Qorti tal-Appell irrevokat decizjoni li kienet res judicata u ddecidiet illi ma kienx haqqha tiehu ebda kumpens. Ilmentat ukoll illi s-smigh ma sehhx fi zmien ragonevoli : it-tielet lanjanza ;

(iv) Garrbet ksur tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni u ghalhekk sofriet lezjoni tad-dritt taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti, meta tilfet id-danni likwidati gudizzjarjament : ir-raba` lanjanza ;

(v) Garrbet ksur tal-Art 13 tal-Konvenzjoni bil-vjolazzjoni ghad-dritt taghha ghal rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali in kwantu r-rimedju li kisbet bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ittiehed lura bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell illi sabet li l-Board tal-Port Workers ma kienx responsabbli ghad-danni : il-hames lanjanza;

## V. L-eccezzjoni preliminari

Kien eccepit mill-intimat Joseph Degabriele noe illi mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti.

Fil-kuntest ta` azzjoni dwar allegat ksur ta` drittijiet fundamentali, il-punti kardinali huma s-sejbien tal-vjolazzjoni, l-ghoti ta` rimedju ghall-vjolazzjoni, u l-istharrig dwar min ghandu jaghti r-rimedju ghal dik il-vjolazzjoni.

Dwar min ghandu jitqies bhala legittimu kontradittur f`azzjonijiet bhal dik tal-lum, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li tat fis-7 ta` Dicembru 1990 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Joseph Abela vs L-Onor. Prim Ministru et</u>** inghad hekk :-

> *" … fil-kawzi ta` natura kostituzzjonali bbazati fuq id-drittijiet fundamentali, il-legittimi kontraditturi ta` dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, ghall-kummissjoni jew ommisjoni, ta` xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-ligi; Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuna ta` l-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta` dritt fundamentali, tissanzjoni.* ***<u>It-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala` fuq jew waqt xi procedura gudizzjarja</u>****;"* (enfasi tal-Qorti)

Ma hemmx dubju illi dak li wassal ghal dawn il-proceduri kollha sa minn l-ewwel kawza ntavolata minn Victoria Cassar lura fl-1993 kienet id-diskriminazzjoni a bazi ta` sess. Kien ghalhekk illi matul il-proceduri hija lmentat kemm dwar il-validita` tal-ligi, u kif ukoll mill-mod kif din giet applikata mill-Bord dwar il-Haddiema tal-Port, billi dan tal-ahhar sarraf fi pregudizzju fil-konfront taghha.

Il-Bord dejjem kien parti integrali fil-proceduri u ma setax jonqos milli jkun billi ladarba kien il-Bord li kien qieghed ihaddem il-ligi kellu allura jkun l-istess Bord illi jwiegeb ghal dak l-ghemil anke jekk ma kienx hu li ghamel ir-Regolamenti.

Ghandu jittiehed kont ukoll tal-fatt illi pendenti l-proceduri civili u kostituzzjonali, l-Bord ghadda l-licenzja li kienet ta` missier ir-rikorrenti lil huh Joseph Abela. Dan sehh nonostante talba specifika tal-attrici fir-rikors taghha fil-proceduri civili sabiex il-Bord ma jimpjega lil hadd.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kienet cara dwar il-kwistjoni.

Fis-sentenza tas-26 ta` Mejju 2017 (*supra*) kien stabbilit illi l-Bord applika l-ligi korrettement minkejja li dik il-ligi kienet sussegwentement dikjarata li tmur kontra l-Kostituzzjoni. Fil-mument li fih inqalghet il-vertenza, il-ligi kienet dik u l-Bord certament ma kellux ghazla ghajr illi jottempra ruhu u japplika dik il-ligi hekk kif kienet.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-Qorti tal-Appell iddikjarat illi l-Bord ma kienx responsabbli ghad-danni.

Ghalkemm il-Bord m`ghandux jintalab iwiegeb hu ghat-telf pekunjarju soffert mill-attrici, ma jistax jezimi ruhu minn kull responsabbilita` vis-a`-vis r-rikorrenti..

**Il-Qorti sejra tichad l-eccezzjoni preliminari ta` Joseph Degabriele noe billi hija tal-fehma konsiderata illi anke ghall-fini tal-integrita` tal-gudizzju il-Bord huwa legittimu kontradittur.**

## VI. <u>It-tielet talba</u>

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-intimati illi l-funzjoni taghha mhuwiex li sservi bhala *terzo grado di appello* li l-ligi ma tippermettix.

Fis-sentenza li tat fit-2 ta` Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et</u>**, din il-Qorti diversament presjeduta ghamlet referenza ghad-dottrina u ghall-gurisprudenza :-

> *" … fis-sentenza "**Nicholas Ellul vs Kummissarju talPulizija" (Appell Kostituzzjonali, 22 ta` Mejju 1991 - Vol.LXXV.i.240)** intqal illi:-*
>
> *"Dwar f`hiex ma kienx hemm fair trial, jew smiegh xieraq, ir-rikorrent prattikament ma jghid xejn, hlief li jallega li l-Qorti Istruttorja interpretat hazin id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali applikabbli ghall – in genere u reperti; il-Qorti Istruttorja interpretat korrettament id-disposizzjonijiet relevanti anki fuq l-iskorta ta` gurisprudenza kostanti talQrati ta` kompetenza Kriminali, izda fi kwalunkwe kaz din m`hix materja kostituzzjonali u din il-Qorti m`ghandha ebda kompetenza fir-rigward."*
>
> *Fil-ktieb "**Article 6 of the European Convention on Human Rights – The right to a fair trial" (Andrew Grotrian, 1994)** l-awtur qal hekk:-*
>
> *"The question of whether proceedings have been `fair` is of course quite separate from the question of whether the tribunal`s decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under it so-called `fourth instance formula`, it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings."*

L-istess kien riaffermat fid-decizjoni li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta` Jannar 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat pro et noe**, fejn inghad :-

> *"Illi fir-rigward tar-rwol ta` din il-Qorti kif adita mir-rikorrent, din il-Qorti tibda billi tghid li taqbel mal-intimati li l-funzjoni taghha fl-istharrig taghha tal-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali mressaq mir-rikorrent m`ghandux jissarraf f`appell iehor mis-sentenzi kontestati. Fuq dan, jaqbel ir-rikorrent ukoll.*

*Din il-Qorti hija moghtija s-setgha li, f`kaz ta` ilment dwar ksur tad-dritt fondamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta` kull Qorti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda din is-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali m`ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta` jedd ta` smigh xieraq ikkommettewx zball ta` ligi jew ta` fatt fid-decizjonijiet taghhom. Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta` nuqqas ta` smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u "skond il-ligi".*

*Illi f`dan l-istadju l-Qorti jidhrilha li ghandha ticcita fehma cara murija mill-Qorti Kostituzzjonali u li taghti hjiel tal-parametri safejn din il-Qorti tista` tibqa` sejra biex tistharreg allegat ksur ta` dritt fondamentali mwettaq minn Qorti ohra. Inghad hekk:*

*"Allahares kellu jigi ammess il-principju illi r-rimedju ghal meta, per ezempju Qorti ta` gurisdizzjoni kriminali, tifhem hazin il-ligi u tapplika u tinterpreta dispozizzjoni tal-Kodici Kriminali jew ta` xi ligi penali ohra b`rizultat ta` liema dak li jkun jnistab hati, allura awtomatikament jitwieled id-dritt kostituzzjonali ta` rimedju minhabba nuqqas ta` smigh xieraq. Dan ikun jammonta ghal interpretazzjoni kompletament novella pero` li qatt ma giet accettata anqas fi Strasbourg ta` x`verament ifisser id-dritt ta` smigh xieraq. ..... certament, kemm il-Prim`Awla tal-Qorti civili kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali m`humiex prekluzi milli jiddeciedu, meta jkun il-kaz, illi xi Qorti ohra tkun illediet xi wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-individwu - decizjonijiet li bhalhom ittiehdu diversi drabi kemm f`dak li jirrigwarda per ezempju liberta` provvizorja kif ukoll f`dak li*

*jirrigwarda smigh xieraq fi zmien ragonevoli, fost kazijiet ohra."*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghad-decizjoni li tat il-Qorti Kostitruzzjonali fit-28 ta` Gunju 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs Avukat Generali**, deciza fir-28 ta` Gunju 2012 fejn inghad :-

> *"Illi huwa opportun hawnhekk li l-Qorti taghmel referenza ghal ktieb ta` **Jacobs and White**, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f`pagna 140, fejn l-awturi jikkummentaw fuq l-hekk imsejha "**fourth instance" doctrine**, u l-kuncett zbaljat li jezisti dwar is-sistema tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti qed tislet minn dan il-ktieb dawn il-principji:*
>
> *1. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.*
>
> *2. The Court`s task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.*
>
> *3. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.*
>
> *1. And a finding by the Court that an applicant`s trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.*
>
> *2. The Court calls this principle the `fourth instance` doctrine, because it is not to be seen as a*

*third or fourth instance of appeal from national courts.*

(ara wkoll : **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, P.A. Kost., 28 ta` Dicembru 2001; **Micallef vs Avukat Generali et**, Qorti Kostituzzjonali, 9 ta` Ottubru 2001 (Kollez. Vol: LXXXV.i.328)

Din il-Qorti taghmel taghha dawn l-insenjamenti.

Anke jekk ir-rikorrenti ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Qorti tal-Appell, u anke jekk il-Qorti tal-Appell hadet zball fl-interpretazzjoni taghha tal-fatti jew tal-ligi, is-setgha ta` din il-Qorti bhala qorti ta` gurdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali huwa cirkoskritt u arginat ghall-istharrig ta` jekk avveratx ruhha lezjoni tal-jeddijiet fondamenti tar-rikorrenti. Kwalunkwe konsiderazzjoni ohra tmur oltre l-kompetenza taghha.

**Ghalhekk qeghda tichad it-tielet talba.**

## VII. It-talbiet l-ohra

Minn esami tal-premessi tar-rikors promotur, minn qari tar-risposti, minn analizi tal-processi, kif ukoll minn dak li hareg min-noti ta` sottomissjonijiet, jidher illi l-pern tal-kwistjoni kollha joqghod fuq l-interpretazzjoni illi nghatat lit-tielet paragrafu tal-parti decizorja tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Kien wara l-ghoti ta` din is-sentenza li qamet animosita` bla bzonn bejn il-partijiet. Kien ukoll konsegwenza tal-interpretazzjoni li nghatat lil dan it-tielet paragrafu tad-decide illi s-sitwazzjoni hadet l-isvolta li hadet u wasslet ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell li qeghda tigi mpunjata fil-procediment tal-lum.

Ir-rikorrenti qeghda ssejjah lil din il-Qorti sabiex tistabilixxi kienx hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-attrici bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. L-attrici qeghda tqieghed in diskussjoni sew il-process civili kif ukoll

is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrenti tallega illi s-sentenza gabet vjolazzjoni tal-Art 45 tal-Kostituzzjoni, ta` l-Art 6(1), ta` l-Art 14 abbinat ma` l-Art 3 u l-Art 13 tal-Konvenzjoni kif ukoll tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni. Tafferma li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mhijex kompatibbli mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali peress illi filwaqt li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li kien hemm lezjoni tal-jeddijiet fondamentali taghha, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell iddikjarat li ma kienx haqqha kumpens. Il-Qorti tal-Appell irrevokat *in toto* s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Huwa evidenti l-iskonfort tar-rikorrenti li minn naha wahda kellha gudikat favur taghha u min-naha l-ohra baqghet b`xejn.

Minn qari akkurat tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell jirrizulta li t-talbiet tal-attrici kienu michuda ghaliex il-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma illi l-Bord ma kienx responsabbli ghall-hlas ta` danni ghaliex ma kienx hemm ness bejn l-agir tieghu u d-danni li taghhom ir-rikorrenti ippretendiet il-hlas. Il-Qorti tal-Appell tat piz lill-fatt illi l-attrici naqset milli tiehu r-rimedju li kien akkordat lilha meta ma marritx taghmel ir-registrazzjoni biex tkun kunsidrata bhala haddiema ta-xatt licenzjata. Il-fatt wahdu li kien hemm esitu sfavorevoli ghar-rikorrenti bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell mhux necessarjament ifisser li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghha.

Dan premess, din il-Qorti tirrileva illi din il-Qorti diversament presjeduta u l-Qorti Kostituzzjonali sabu li l-ligi kif kienet fis-sehh kienet diskriminatorja kontra r-rikorrenti fuq bazi ta` sess. Il-provvediment kien fl-ewwel lok, bidla fil-ligi ezistenti sabiex tkun eliminata kull forma ta` diskriminazzjoni u b`hekk jinfetah il-bieb sabiex nisa wkoll ikollhom id-dritt jirtu l-licenzja ta` missierhom u jidhlu fl-impieg bhala haddiema tax-xatt ; fit-tieni lok, ordni biex ir-rikorrenti ir-rikorrenti tithalla tirregistra personalment billi gie ordnat illi l-attrici tithalla tirregistra ; fit-tielet lok, li r-registrazzjoni kellu jkollha effett retroattiv billi tibda tghodd mill-1 ta` Awwissu 1992.

**Minn qari korrett u preciz tad-decizjoni, ir-rimedji li jolqtu lir-rikorrenti personalment ma jistghux jigu nterpretati bhala li taw jedd lir-rikorrenti li ssir haddiema tal-port b`mod awtomatiku.**

**Il-kliem "<u>eligibbli</u>" u "<u>konsidrata</u>" li uzat il-Qorti huma cari u ma jaghtux lok ghal ekwivoci.**

Dwar l-***eligibilita`***, bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, kienet ikkonfermata l-vjolazzjoni, u tnehhiet id-diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess. Ghalhekk ir-rikorrenti, bhala l-ewwel wild ta` Carmel Abela, kienet tikkwalifika bhala persuna eligibbli li tirregistra l-interess taghha biex tiret il-licenzja ta` haddiema tal-port li kellu missierha.

Dwar il-***konsiderazzjoni,*** huwa car ghal din il-Qorti li l-Qorti Kostituzzjonali kienet ben konxja tal-procedura li kellha tigi segwita. Dik il-procedura kellha tghodd ghar-rikorrenti wkoll. Bhala l-persuna li kellha dritt tiret il-licenzja kellha tirregistra l-interess taghha. Meta jkun hemm post vakanti, persuna registrata (kif kienet sejra tkun ir-rikorrenti) kellha tissoddisfa l-kriterji elenkati fir-Reg 11(3) li jitolbu : illi l-persuna tkun maggorenni izda ma tkunx ghalqet il-45 sena ; illi tkun certifikata medikament li tajba ghax-xoghol ; illi turi li ghandha l-hiliet u l-kwalitajiet necessarji sabiex taqdi d-dmirijet ta` haddiem tal-port ; illi tkun persuna idonea u adatta ghax-xoghol tal-port ; u illi jkollha certifikat ta` kondotta tajba.

Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet li kien hemm diskriminazzjoni, nehhiet l-ostakolu li kien hemm fil-ligi esistenti u tat rimedju lir-rikorrenti. Fl-istess waqt is-sentenza ma warrbitx il-procedura kontemplata mil-ligi ta` kif persuna eligibbli tkun ikkunsidrata biex issir haddiem licenzjat tal-port. Dak li kien ighodd ghal haddiehor kien se jghodd ukoll ghar-rikorrenti. Li kieku kien diversament, kienet tkun dik is-sentenza stess li kienet tohloq diskriminazzjoni kontra persuni ohra li ghax eligibbli kienu registrati u kienu qeghdin jistennew it-turn taghhom. Il-procedura kellha tkun osservata u segwita anke mir-rikorrenti kemm fil-kelma kif ukoll fl-ispirtu taghha. Din il-Qorti tkompli tosserva li sabiex taghti rimedju effettiv ghal-lezjoni, il-Qorti Kostituzzjonali ordnat li r-registrazzjoni ssir b`effett mill-1 ta` Awwissu 1992 u cioe` mid-data ta` meta rtira mix-xoghol bil-pensjoni missier ir-rikorrenti. B`hekk il-Qorti hadet hsieb sabiex ir-rikorrenti ma titlifx il-*queueing*. Li kieku l-Qorti ghamlet diversament u cioe` li kieku pprovdiet illi r-registrazzjoni ssir mid-data tas-sentenza allura dak

kien jissarraf fi pregudizzju ghar-rikorrenti. Ghamlet sew il-Qorti li akkordat lir-rikorrenti dritt ghar-registrazzjoni li kellu jinholoq favur taghha b`effett mid-data meta missierha rtira bl-eta` minn xogholu bhala haddiem tax-xatt.

**In vista tal-premess, il-Qorti qeghda tichad it-tieni talba.**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal ta` l-partijiet tal-4 ta` Novembru 2004 li jghid :-

> *Il-partijiet qed jaqblu illi l-attrici Victoria Cassar tista` tigi registrata bhala haddiem prospettiv jew persuna elegibbli biex tigi konsidrata bhala haddiem tal-Port wara li jigu sodisfatti certi kriterji li jsiru normalment u cioe` li jsir test mediku u li tigi ezaminata l-kondotta tal-attrici. Il-partijiet qed jiftiehmu wkoll li dwar il-produzzjoni da parti tal-attrici ta` licenzja tas-sewqan il-partijiet ser jaghmlu verifiki ulterjuri.*
>
> *Wara li jigu sodisfatti dawn il-kriterji l-attrici tkun tista` tigi registrata bhala persuna eligibbli biex tigi konsiderata bhala haddiem tal-Port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xoghol u dan, ai termini tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali", (ara fol 271 et sequitur)."*

Kif jirrizulta mill-verbal tas-7 ta` Frar 2006, l-attrici ghamlet referenza ghall-verbal tas-seduta tal-4 ta` Novembru 2004 u talbet li ssir is-segwenti kjarifika :

> *" ... jikkjarifika li l-attrici hi intitolata li tigi iskritta bhala haddiema prospettiva fir-Registru appositu tal-Port Workers Scheme u wara dan l-istadju sabiex tinghata il-licenzja sabiex tkun tista` tahdem fl-istess skema ghandhom isiru xi testijiet bhal ma huwa it-test mediku u tigi ezaminata il-kondotta tal-attrici.*

*Charles Abela ghal konvenut noe jiddikjara li jaqbel ma din id-dikjarazzjoni tal-attrici.*"

Kien ritenut kostantement mill-qrati taghna illi verbal maqbul bejn il-partijiet fl-atti ta` kawza jikkostitwixxi rabta. Fl-istess waqt ir-rikorrenti ma tistax taghmel l-argument illi kellha tigi registrata mill-ewwel bhala haddiema tal-port. Dwar dan ir-rikorrenti m`ghandhiex ragun.

**Kemm fit-termini tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u kif ukoll skont dak li jirrizulta mill-verbali tal-kawza, ir-rikorrenti kellha biss dritt li tkun registrata bhala haddiem prospettiv.**

Minhabba dak li fehmet li kienet id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, ir-rikorrenti dehrilha li ma kelliex tmur tirregistra l-interess taghha bhala haddiem prospettiv ghaliex ghaliha il-gudikat kien ighid diversament. Min-naha l-ohra l-Bord intimat fehem illi kellha tkun ir-rikorrenti li kellha tmur taghmel ir-registrazzjoni. Kull parti zammet ferma mal-posizzjoni taghha ; xhieda ta` dan huma l-iskambji li ghaddew bejniethom. Addirittura l-Bord sejjah lir-rikorrenti sabiex tmur tirregistra bhala haddiem tax-xatt prospettiv izda r-rikorrenti ma marritx. Bhala fatt kien fil-25 ta` Gunju 2004 li baghat ghar-rikorrenti "*sabiex tikkonferma l-interess tieghek li tapplika bhala haddiem prospettiv tal-port.*" (fol. 290 Dok. SB 1) Il-vertenza kienet ilha ghaddejja mill-1993 u l-emendi ghal-legislazzjoni kienu ilhom li saru mill-2001. Ir-rikorrenti wiegbet b`ittra tas-17 ta` Lulju 2004 fejn apparti li ghamlet referenza ghar-registrazzjoni tal-interess taghha li ghamlet fl-1992 meta irtira missierha bl-eta`, irreferiet ghall-protest gudizzjarju taghha tal-11 ta` Frar 1993, ghas-sentenza tat-2 ta` Novembru 2001, u ghall-ittra ufficjali tal-14 ta` Frar 2003. Intant insorgiet ukoll il-kwisjoni tal-eta` billi persuna ma tistax tigi registrata jekk tkun qabzet il-45 sena fl-eta`. Hekk gara fil-kaz tal-lum.

Il-Qorti tal-Appell ghamlet l-apprezzament fattwali u legali u tat id-decizjoni taghha. Dik id-decizjoni tikkostitwixxi gudikat. Din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha m`ghandha l-ebda setgha tissindaka d-diskrezzjoni applikata mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha. Il-Qorti sejra ghalhekk tillimita ruhha li tindaga biss jekk il-process gudizzjarju fl-intier

tieghu u d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell wasslux sabiex twettqet vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-attrici kif tutelati bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.

**a) <u>L-ewwel lanjanza</u> :**
**Allegat ksur tal-Art 45 tal-Kostituzzjoni**

L-Art 45 tal-Kostituzzjoni jimponi obbligu generali illi ma ssirx diskriminazzjoni *inter alia* fuq bazi tas-sess tal-persuna.

Dwar din il-materja, u a skans ta` repetizzjoni, din il-Qorti taghmel taghha l-insenjament u l-gurisprudenza li rreferew ghalihom sew l-Ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali meta trattaw din il-kwistjoni.

Ir-rikorrenti tilmenta mill-fatt illi ladarba kien hemm gudikat favur taghha li ddikjara li l-ligi kienet diskriminatorja, u li ghalhekk hija sofriet pregudizzju, u stabbilit ukoll illi l-post ta` missierha kien ittiehed miz-ziju taghha, ir-rimedju kellu jkun necessarjament wiehed perkunjarju.

Tkompli targumenta illi l-Qorti tal-Appell "zmantellat" il-gudikat meta rriteniet illi kellha tistharreg in-ness bejn l-azzjonijiet tal-Bord u d-danni allegatament sofferti mill-attrici.

Targumenta wkoll illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell mhijiex kompatibbli mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali billi minflok irrispettat il-gudikat, iddikjarat illi l-attrici ma kienx haqqha kumpens.

Ir-rikorrenti torbot din il-lanjanza ma` vjolazzjoni mill-gdid tad-dritt taghha ghall-harsien minn diskriminazzjoni fuq bazi ta` sess kif sancit mill-Art 45 tal-Kostituzzjoni. Tonqos pero` li turi s-sens tal-argument. L-attrici tghid illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell gabet fix-xejn is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Din il-fehma mhijiex kondiviza minn din il-Qorti.

Il-Qorti tal-Appell fl-ebda waqt tad-decizjoni taghha ma hassret il-gudikat bhal ma lanqas ma mponiet ruhha fuq id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali. Dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali kien pjenament rispettat mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha. Kif fissret aktar kmieni kienu ohra l-konsiderazzjonijiet, wahda ta` natura legali u ohra ta` indole fattwali, illi wasslu l-Qorti tal-Appell biex tiddeciedi kif iddecidiet.

Il-Qorti tosserva illi ghandhom ragun l-imharrkin jargumentaw illi l-motivazzjoni tal-Qorti tal-Appell certament illi ma tammontax ghal lezjoni skont l-Art 45 tal-Kostituzzjoni.

**L-ewwel lanjanza qeghda tkun respinta.**

**c) <u>It-tieni lanjanza</u> :**
**Allegat ksur tal-Art 14 abbinat mal-Art 3 tal-Konvenzjoni**

L-Art 3 jittratta ksur tal-jedd fundamentali ghall-helsien minn trattament degradanti. Ir-rikorrenti tilmenta illi sofriet trattament degradanti minhabba l-fatt illi hija mara.

Dan il-punt diga` gie trattat mill-Ewwel Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha.

Ghall-ahjar intendiment ta` kif huma relatati u jithaddmu z-zewg disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni, il-Qorti sejra tirreferi ghall-insenjamenti li ndikat l-Ewwel Qorti :-

> *"Illi l-**Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem** jipprovdi illi:*
>
> *"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f`din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata*

*minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhala huma s-"sess, ...".*

*Illi kif gie ritenut mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet talBniedem fil-kaz **Abdulaziz, Cabales and Balkandali** (28 ta` Mejju 1985):*

*"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the "enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".*

*Illi fis-sentenza "**Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija**" (Qorti Kost. 17 ta` Frar 1999), il-Qorti qalet li l-awturi van Dijk u van Hoof, b`referenza ghal dan ilpassagg mis-sentenza <u>Abdalaziz</u>, spejgaw li:*

*"This formula makes it clear that Article 14 is not independent in the sense that there has to be at least some kind of relation with the right and freedoms of the Convention; differential treatment in a field which falls outside the scope of the Convention cannot amount to a violation of Article 14" (**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, Kluwer, 1990, p 536**).*

*Jidher li ghalhekk ir-rikorrenti qed tabbina dan l-Artikolu 14 ma` l-**Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem** li testwalment u rispettivament ighidu hekk:*

***Art (3)** "Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degredanti".*

*(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta` daru u tal-korrispondenza tieghu.*

*(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta` dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f`socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta` delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta` haddiehor."*

***(A) ARTIKOLU 3 TAL-KONVENZJONI EWROPEJA.***

***L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni*** *jghid hekk: "Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degredanti".*

*Illi fil-kaz in ezami m`hemmx kwistjoni ta` xi tortura jew piena w allura ghandhom jigu eliminati mill-ewwel, illi ghalhekk jibqa` sabiex jigi kkunsidrat jekk hemmx trattament degredanti.*

*Illi fis-sentenza moghtija ricentament "**Katerina Cachia vs Direttur Generali tad-Dipartment tas-Sahha et**" - (P.A.V.D.G. (Sede Kost) - 11 ta` Awissu 2000), il-Qorti spjegat dan l-Artikolu hekk:*

*"Kif jispjega van Dijk u van Hoof fit-tielet edizzjoni tal-ktieb Theory and Practice of the Eurpean Convention on Human Rights (Kluwer, The Hague, 1998): "There is no abstract, absolute standard for the kinds of treatment and punishment prohibited by Article 3. The question whether a treatment or punishment is inhuman or degrading must be judged by the circumstances of the case and the prevalent view of the time" (p 311). Bhala regola, u a bazi ta`*

*dak li gie deciz mill-Qorti Ewropeja fil-kaz "Ireland vs United Kingdom" (18/01/78), ikun hemm trattament inuman meta jkun hemm "the infliction of intense physical or mental suffering", filwaqt li trattament degredanti jinkludi "ill treatment designed to arouse in victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistance" (ara wkoll Short Guide to the European Convention on Human Rights, Council of Europe, Strasbourg, 1998, p 12). Biex trattament, jew ahjar maltrattament, jista` jinghad li jammonta ghal trattament inuman jew degredanti (jew it-tnejn) "... it must attain a minimum level of severity ... The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim" ("Ireland vs United Kingdom", 18/01/78, A 21 (1978) p 65)".*

*Illi l-kwistjoni fil-kaz odjern hi li l-awtoritajiet kompetenti qed icahhdu lir-rikorrenti milli din timla` l-post vakanti li halla missierha bhala haddiem tal-port ghas-semplici raguni li hija mara, u bint l-istess haddiem, u mhux iben l-istess haddiem. Illi pero` meta huma ghamlu dan huma kienu qed jimxu skond ir-regolamenti vigenti, fis-sens li r-regolamenti li qed jigu attakkati jimpedixxu lin-nisa milli jimlew tali post vakanti. Illi ghalkemm din il-bazi tal-allegata diskriminazzjoni, tista` tkun diskriminatorja, pero hija kwistjoni ohra jekk din twassalx ghal trattament degredanti fil-konfront tal-persuna koncernata.*

*Illi wara li rat il-provi u hadet in konsiderazzjoni x`tghid il-gurisprudenza u x`ighidu l-awturi in tema ta` trattament inuman u degredanti, din il-Qorti hi tal-fehma li kif inghad minn Helen Fenwick fl-istudju taghha "Civil Liberties" "Article 3 can be used in a broad way to bring rights within the scope of the*

*Convention which are not expressly included. Thus article 3 could be invoked in relation to discriminatory treatment on the basis of race and possibly on the basis of sex and sexual orientation because such treatment can be possibly termed degrading according to the Commission in the East African Asian Cases" (page 42).*

*Illi ineffetti fil-kaz appena citat, iktar komunament maghruf bhala "Abdulaziz, Cabales and Balkandali" (1973) holoq precedent u wessa sew l-applikazzjoni tal-artikolu 14, billi ghalkemm gie ritenut li l-istess artikolu mhux awtonomu, pero` jaghti tifsira iktar wiesgha lid-drittijiet fundamentali l-ohra, bhal dak tal-artikolu 8, meta applikat flimkien mal-istess artikolu 14.*

*Illi fil-fatt fil-kaz in ezami l-istess Qorti Ewropeja sabet illi l-fatt illi l-irgiel barranin tar-rikorrenti nisa legalment residenti fil-pajjiz ma kienux qed jithallew jidhlu l-Ingilterra, b`differenza ghan-nisa barranin ta` irgiel li kellhom dritt taht il-ligijiet vigenti dak z-zmien jidhlu l-Ingilterra, kien jinvolvi trattament diskriminatorju bi ksur tal-artikolu 8 abbinat mal-artikolu 14, ghalkemm tali att wahdu ma kienx jikser per se l-artikolu 8. Illi dan l-izvilupp certament ifisser li l-import tal-istess artikolu 14 meta abbinat mal-artikoli l-ohra tal-istess Konvenzjoni, jaghti lill-istess artikoli applikazzjoni u interpretazzjoni iktar wiesgha fid-dawl tal-principji kontra ddiskriminazzjoni enuncjati fl-artikolu 14, bil-konsegwenza li ta` indubjament interpretazzjoni aktar libera ghall-kazi li jistghu jaqaw taht l-istess artikoli, li minghajr it-test tal-artikolu 14, kienu jibqghu barra mill-ambitu ta` protezzjoni tal-istess imsemmija drittijiet fundamentali. (**European Human Rights Law - Mark Janis** - page 257). Illi applikat dan il-principju ghall-kaz de quo jinghad li bir-rifjut li timla` l-post vakanti ta` missierha l-awtoritajiet koncernati qed jitrattaw lir-rikorrenti*

*b`mod degredanti, ghaliex minghajr ebda konsiderazzjoni ta` xejn, la dwar il-kapacita` taghha fizika u mentali, u minghajr ebda riferenza kwalunkwe ghall-kwalifiki, eta`, kondotta, stat mediku taghha, u sahansitra ir-rekwiziti rikjesti mill-istess regolamenti innifishom taht r-regolament 11 (3) tal-istess Avviz Legali, izda biss fuq il-bazi unika li hija ta` sess femminili, hija qed tigi eskluza a priori milli tapplika ghall-istess mili ta` vaganza ta` misserha bhala haddiem tal-port, meta kieku kienet ragel, jew applika ragel, din l-opportunita` li jimla l-vakanza ta` missieru jew huh hija liberalment moghtija. Illi din il-Qorti thoss li din id-diskriminazzjoni kontra l-mara, tammonta wkoll ghall-trattament degredanti, stante li hija naxxenti mill-presuppost ghal kollox fittizju, li l-mara, biss ghaliex hija mara, ma hijiex kapaci taghmel dan ix-xoghol partikolari, ghaliex hija jew ahjar il-ligi tippresumi li ghax mara ma ghandhiex il-kapacita` fizika, mentali jew it-tnejn li taghmel dan it-tip ta` xoghol, u certament li provizjonijiet ta` dan it-tip iwaqqghu id-dinjita` tal-mara, u huma ghal kollox degredanti lejn il-persuna u l-istat taghha.*

*Illi ghalhekk a bazi tal-premess, u a bazi tal-kuncett ta` diskriminazzjoni kif gie espost iktar il-fuq fil-kuntest tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti thoss li l-Artikolu 13 tarRegolamenti ta` l-1993 dwar il-Haddiema tal-Port (Avviz Legali 90 ta` l-1993) jaqa` f`dan l-ambitu u jikser iddisposizzjonijiet tal-artikolu 3 meta abbinat mal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja, aktar w aktar meta wiehed jirreferi ghall-principji fuq esposti ta` dak li huwa ragonevoli jew f`dan il-kaz mhux ragonevoli f`socjeta` demokratika."*

Il-Qorti taghmel taghha dan l-insenjament.

B`zieda ma` dan, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` Lulju 2013 fil-kawza fl-ismijet **Saviour Spiteri et vs. Il-Korporazzjoni Enemalta et**, fejn inghad :

> *"Illi biex isehh ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor u jidher li llum hu generalment accettat li biex trattament determinat jaqa` taht il-komminazzjonijiet tad-dispozizzjonijiet fuq citati, jehtieg certu grad ta` gravita`". Ghalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn semplici inkonvenjenza jew disagju"*

Fuq l-istess binarju kienet id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta` Ottubru 2014 fil-kawza fl-ismijiet **Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Habs et**, fejn inghad hekk :

> *"Dan it-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f`dak li jkun sentimenti ta` biza`, angoxxia u sens ta` inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu."*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-decizjoni tal-ECtHR tas-17 ta` Lulju 2014 fil-kaz ta` **Svinarenko and Slyadnev v Russia**, fejn inghad :-

> *114. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, for example, Jalloh v. Germany [GC], no. 54810/00, § 67, ECHR 2006-IX). Although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken*

*into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see, among other authorities, V. v. the United Kingdom [GC], no. 24888/94, § 71, ECHR 1999-IX).*

*115. **Treatment is considered to be "degrading" within the meaning of Article 3 when it humiliates or debases an individual, showing a lack of respect for, or diminishing, his or her human dignity, or when it arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an individual`s moral and physical resistance** (see M.S.S. v. Belgium and Greece [GC], no. 30696/09, § 220, ECHR 2011, and El-Masri v. the former Yugoslav Republic of Macedonia [GC], no. 39630/09, § 202, ECHR 2012). The public nature of the treatment may be a relevant or aggravating factor in assessing whether it is "degrading" within the meaning of Article 3 (see, inter alia, Tyrer v. the United Kingdom, 25 April 1978, § 32, Series A no. 26; Erdoğan Yağız v. Turkey, no. 27473/02, § 37, 6 March 2007; and Kummer v. the Czech Republic, no. 32133/11, § 64, 25 July 2013). (enfasi mizjuda)*

*116. In order for treatment to be "degrading", the suffering or humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment (see V. v. the United Kingdom, cited above, § 71)*

Il-Qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-Avukat Generali illi din il-lanjanza tista` tirreferi ghal zewg aspetti differenti. Minn ottika minnhom tista` tirreferi ghall-fatt li l-attrici ma thallietx tapplika bhala haddiema prospettiva semplicement ghaliex kienet mara. Jekk dan huwa l-kaz din il-Qorti m`ghandhiex ghalfejn tistharreg din il-kwistjoni ghaliex dan il-punt gie dettaljatament studjat mill-Ewwel Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali u jikkostitwixxi gudikat favur l-attrici. B`hekk, it-trattament degradanti illi giet soggetta ghalih l-

attrici meta ma thallietx tapplika bhala haddiema prospettiva tal-port gie rimedjat bil-bdil fil-ligi u bl-ordni tal-Qorti illi l-attrici tithalla tirregistra. Jekk din il-lanjanza tittiehed mill-ottika l-ohra, din tista` tkun qed tirreferi ghall-process civili u ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Huwa fil-fatt minn din l-ottika illi l-attrici tallega vjolazzjoni. L-argument taghha huwa fis-sens illi sehhet vjolazzjoni mill-gdid meta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell cahhditha mir-rimedju pekunjarju. Tghid illi din kienet trawma ghaliha mhux biss ghaliex ma hadet xejn izda anki ghaliex sabet ruhha mnezza mid-dinjita` taghha ta` mara kull meta kellha tiffaccja n-nies u tghid li fil-verita` ma kienet rebhet xejn.

Il-prosediment anke minhabba n-novita` tieghu gab mieghu nteress medjatiku qawwi. Il-fatt li l-Qorti tal-Appell rrevokat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti bla dubju gab dieqa kbira fir-rikorrenti. Madanakollu pero` dan il-fattur wahdu zgur illi ma jammontax ghal trattament degradanti kif mifhum u applikat fil-gurisprudenza. Kien il-process kostituzzjonali illi ha hsieb jaghti lura lir-rikorrenti d-dinjita` taghha bhala mara bid-dikjarazzjoni ta` antikostituzzjonalita` tal-ligi fuq bazi ta` sess. Fil-process civili l-attrici marret ghal *restitutio in integrum* ; mhux biss li tinghata d-dritt illi tiret il-licenzja ta` missierha izda wkoll illi titpogga f`qaghda daqs li kieku kienet dahlet ghax-xoghol bhala haddiem tal-port minghajr xkiel. Dan premess il-fatt li ma kenitx kompensata bi flus ma warrabx mill-attrici mid-dinjita` taghha.

**It-tieni lanjanza tar-rikorrenti qeghda tkun rigettata.**

**c) <u>It-tielet lanjanza</u> :**
**Allegat ksur tal-Art 6(1) tal-Konvenzjoni**

Ir-rikorrenti tilmenta minn lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq abbazi ta` zewg aspetti.

Tghid illi l-Qorti tal-Appell irrevokat sentenza li ormai kienet ghaddiet in gudikat. U tallega illi sehhet vjolazzjoni tar-*reasonable time requirement* mill-qrati meta l-proceduri taghha hadu t-tul zejjed biex ikunu decizi.

Dwar il-kwistjoni tar-*res judicata* l-attrici tinsisti illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell gabet fix-xejn is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, tistaqsi kif setghet il-Qorti tal-Appell tghid illi "*she sat back*" meta effettivament ghamlet zmien twil il-qorti tiggieled ghad-drittijiet taghha.

Tghid ukoll illi l-"***Qorti tal-Appell** ma gharfitx issarraf u tapplika korrettement is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali*".

Tghid ukoll illi ladarba l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li hija sfat vittma ta` diskriminazzjoni, dan holoq dritt ghal indennizz izda dak id-drittt "*il-Qorti tal-Appell injoratu jew, aghar minn hekk gabitu fix-xejn – u ipso facto wettqet vjolazzjoni gdida ghaliex injorat `res judicata`.*"

Izzid tghid illi "*Bi ftit sentenzi, l-Onorabbli Qorti tal-Appell (i) farfret il-mantell ta` victim status li l-Qorti Kostituzzjonali kienet xeddet fuq ir-rikorrenti, (ii) tajjret l-effetti legali tas-sentenza tat-2 ta` Novembru 2001 li kienet ghaddiet in gudikat, u (iii) hadet lura minghand ir-rikorrenti kull ghamla ta` rimedju li kienet ordnat il-Qorti Kostituzzjonali bl-imsemmija sentenza taghha kif ukoll kull xorta ta` kumpens li kienet ordnat il-Prim`Awla tal-Qorti Civili bis-sentenza tal-14 ta` Novembru 2012.*"

Ghal dawn ir-ragunijiet l-attrici tghid illi kien hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq.

L-intimati kkontestaw din il-lanjanza.

**L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi illi :-

*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista` jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f`socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f`cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista` tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-**Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights – Right to a fair trial (civil limb) (**li hija pubblikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, u tal-ECtHR aggornata sal-31 ta` Dicembru 2017), fejn ghal dak li huwa ta` rilevanza ghall-kaz in dizamina jinghad hekk :

*343. In requiring cases to be heard within a "reasonable time", the Convention underlines the importance of administering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility (**H. v. France**, § 58; **Katte Klitsche de la Grange v. Italy**, § 61). Article 6 § 1 obliges the Contracting States to organise their legal systems so as to enable the courts to comply with its various requirements.*

*344. The Court has repeatedly stressed the importance of administering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility (**Scordino v. Italy (no. 1)** [GC], § 224). Where the Court finds that in a particular State there is a practice incompatible with the Convention resulting from an accumulation of breaches of the "reasonable time" requirement, this constitutes an "aggravating circumstance of the*

*violation of Article 6 § 1" (**Bottazzi v. Italy** [GC], § 22; **Scordino v. Italy (no. 1)** [GC], § 225).*

***1. <u>Determination of the length of the proceedings</u>***

*345. As regards the starting-point of the relevant period, time normally begins to run from the moment the action was instituted before the competent court (**Poiss v. Austria**, § 50; **Bock v. Germany**, § 35 ...*

*...*

*348. As to when the period ends, it normally covers the whole of the proceedings in question, including appeal proceedings (**König v. Germany**, § 98 in fine) and extends right up to the decision which disposes of the dispute (**Poiss v. Austria**, § 50). Hence, the reasonable-time requirement applies to all stages of the legal proceedings aimed at settling the dispute, not excluding stages subsequent to judgment on the merits (**Robins v. the United Kingdom**, §§ 28-29).*

*349. The execution of a judgment, given by any court, is therefore to be considered as an integral part of the proceedings for the purposes of calculating the relevant period (**Martins Moreira v. Portugal**, § 44; **Silva Pontes v. Portugal**, § 33; Di Pede v. Italy, § 24). Time does not stop running until the right asserted in the proceedings actually becomes effective (**Estima Jorge v. Portugal**, §§ 36-38).*

*350. Proceedings before a Constitutional Court are taken into consideration where, although the court has no jurisdiction to rule on the merits, its decision is capable of affecting the outcome of the*

*dispute before the ordinary courts (**Deumeland v. Germany**, § 77; **Pammel v. Germany**, §§ 51-57; **Süßmann v. Germany** [GC], § 39). Nevertheless, the obligation to hear cases within a reasonable time cannot be construed in the same way as for an ordinary court (ibid., § 56; **Oršuš and Others v. Croatia** [GC], § 109).*

…

## 2. *Assessment of the reasonable-time requirement*

### a. *Principles*

*352. Obligation on member States: they are required to organise their judicial systems in such a way that their courts are able to guarantee everyone`s right to a final decision on disputes concerning civil rights and obligations within a reasonable time (**Comingersoll S.A. v. Portugal** [GC], § 24; **Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania** [GC], § 142).*

*353. Assessment in the specific case: The reasonableness of the length of proceedings coming within the scope of Article 6 § 1 must be assessed in each case according to the particular circumstances (**Frydlender v. France** [GC], § 43), which may call for a global assessment (**Obermeier v. Austria**, § 72; **Comingersoll S.A. v. Portugal** [GC], § 23).*

*354. The whole of the proceedings must be taken into account (**König v. Germany**, § 98 in fine). While different delays may not in themselves give rise to any issue, they may, when viewed together and cumulatively, result in a reasonable time being exceeded (**Deumeland v. Germany**, § 90). Thus, although the length of each stage of the*

*proceedings (approximately one and a half years) might not be considered unreasonable as such, the overall duration may nonetheless be excessive (**Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland** [GC], §§ 210-11).*

*A delay during a particular phase of the proceedings may be permissible provided that the total duration of the proceedings is not excessive (**Pretto and Others v. Italy**, § 37). "Long periods during which the proceedings … stagnate" without any explanations being forthcoming are not acceptable (**Beaumartin v. France**, § 33).*

*…*

*357. If the State has introduced a compensatory remedy for breaches of the reasonable-time principle and the remedy, examined as a whole, has not caused the applicant to lose "victim" status for the purposes of Article 34 of the Convention, this constitutes an "aggravating circumstance" in the context of a violation of Article 6 § 1 for exceeding a reasonable time (**Scordino v. Italy (no. 1)** [GC], § 225).*

***b. <u>Criteria</u>***

*358. The reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the following criteria established by the Court`s case-law: the complexity of the case, the conduct of the applicant and of the relevant authorities and what was at stake for the applicant in the dispute (**Comingersoll S.A. v. Portugal** [GC]; **Frydlender v. France** [GC], § 43; **Sürmeli v. Germany** [GC], § 128; **Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania** [GC], § 143).*

*i. **<u>Complexity of the case</u>***

*359. The complexity of a case may relate both to the facts and to the law (**Katte Klitsche de la Grange v. Italy**, § 55; **Papachelas v. Greece** [GC], § 39). It may relate, for instance, to the involvement of several parties in the case (**H. v. the United Kingdom**, § 72) or to the various items of evidence that have to be obtained (**Humen v. Poland** [GC], § 63). A case may be legally complex because of the scarcity of precedents at national level, or the need to seek a ruling from the CJEU on questions relating to the interpretation of European law (**Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland** [GC], § 212).*

*360. The complexity of the domestic proceedings may explain their length (**Tierce v. San Marino**, § 31). Even if the case in itself is not a particularly complex one, the lack of clarity and foreseeability in the domestic law may also render its examination difficult and contribute decisively to extending the length of the proceedings (**Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania** [GC], § 150).*

*ii.* ***The applicant`s conduct***

*361. Article 6 § 1 does not require applicants actively to cooperate with the judicial authorities, nor can they be blamed for making full use of the remedies available to them under domestic law (**Erkner and Hofauer v. Austria**, § 68).*

*362. The person concerned is required only to show diligence in carrying out the procedural steps relating to him, to refrain from using delaying tactics and to avail himself of the scope afforded by domestic law for shortening the*

*proceedings (**Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain**, § 35).*

*363. Applicants` behaviour constitutes an objective fact which cannot be attributed to the respondent State and which must be taken into account for the purpose of determining whether or not the reasonable time referred to in Article 6 § 1 has been exceeded (**Poiss v. Austria**, § 57; **Wiesinger v. Austria**, § 57; **Humen v. Poland** [GC], § 66). An applicant`s conduct cannot by itself be used to justify periods of inactivity.*

*364. Some examples concerning the applicant`s conduct: a lack of clarity by the parties in filing their submissions may contribute decisively to the slowing-down of the proceedings (**Vernillo v. France**, § 34); frequent/repeated changes of counsel (**König v. Germany**, § 103); requests or omissions which have an impact on the conduct of the proceedings (**Acquaviva v. France**, § 61); an attempt to secure a friendly settlement (**Pizzetti v. Italy**, § 18; **Laino v. Italy** [GC], § 22); proceedings brought erroneously before a court lacking jurisdiction (**Beaumartin v. France**, § 33); litigious behaviour as evidenced by numerous applications and other claims (**Pereira da Silva v. Portugal**, §§ 76-79).*

*365. Although the domestic authorities cannot be held responsible for the conduct of a defendant, the delaying tactics used by one of the parties do not absolve the authorities from their duty to ensure that the proceedings are conducted within a reasonable time (**Mincheva v. Bulgaria**, § 68).*

*iii.* ***Conduct of the competent authorities***

*366. Only delays attributable to the State may justify a finding of failure to comply with the*

*"reasonable time" requirement (**Buchholz v. Germany, § 49; Papageorgiou v. Greece**, § 40; **Humen v. Poland** [GC], § 66). The State is responsible for all its authorities: not just the judicial organs, but all public institutions (**Martins Moreira v. Portugal**, § 60).*

*367. Even in legal systems applying the principle that the procedural initiative lies with the parties, the latter`s attitude does not absolve the courts from the obligation to ensure the expeditious trial required by Article 6 § 1 (**Pafitis and Others v. Greece**, § 93; **Tierce v. San Marino**, § 31; **Sürmeli v. Germany** [GC], § 129).*

…

*369. Although the obligation to give a decision within a "reasonable time" also applies to a Constitutional Court, it cannot be construed in the same way as for an ordinary court. Its role as guardian of the Constitution makes it particularly necessary for a Constitutional Court sometimes to take into account other considerations than the mere chronological order in which cases are entered on the list, such as the nature of a case and its importance in political and social terms (compare **Süßmann v. Germany** [GC], §§ 56-58; **Voggenreiter v. Germany**, §§ 51-52; **Oršuš and Others v. Croatia** [GC], § 109). Furthermore, while Article 6 requires that judicial proceedings be expeditious, it also lays emphasis on the more general principle of the proper administration of justice (**Von Maltzan and Others v. Germany** (dec.) [GC], § 132). Nevertheless, a chronic overload cannot justify excessive length of proceedings (**Probstmeier v. Germany**, § 64).*

*370. Since it is for the member States to organise their legal systems in such a way as to guarantee*

*the right to obtain a judicial decision within a reasonable time, an excessive workload cannot be taken into consideration (**Vocaturo v. Italy**, § 17; **Cappello v. Italy**, § 17). Nonetheless, a temporary backlog of business does not involve liability on the part of the State provided the latter has taken reasonably prompt remedial action to deal with an exceptional situation of this kind (**Buchholz v. Germany**, § 51). Methods which may be considered, as a provisional expedient, include choosing to deal with cases in a particular order, based not just on the date when they were brought but on their degree of urgency and importance and, in particular, on what is at stake for the persons concerned. However, if a state of affairs of this kind is prolonged and becomes a matter of structural organisation, such methods are no longer sufficient and the State must ensure the adoption of effective measures (**Zimmermann and Steiner v. Switzerland**, § 29; **Guincho v. Portugal**, § 40). The fact that such backlog situations have become commonplace does not justify the excessive length of proceedings (**Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain**, § 40).*

…

*374. Where repeated changes of judge slow down the proceedings because each of the judges has to begin by acquainting himself with the case, this cannot absolve the State from its obligations regarding the reasonable-time requirement, since it is the State`s task to ensure that the administration of justice is properly organised (**Lechner and Hess v. Austria**, § 58).*"

Fis-sentenza li tat fis-27 ta` Mejju 2016 fil-kawza **<u>Raymond Farrugia et vs L-Avukat Generali et</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti fl-ismijiet* ***Anton Camilleri v. Avukat Generali****, 1 ta` Frar 2016, fejn inghad in materja illi:*

*" ... dwar jekk jezistiex tassew ksur tal-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta` tliet binarji ormai ben assodati fil-gurisprudenza patria u dik Ewropeja, ossia il-komplessita` tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u `what was at stake for the applicant in a given case.` (ECHR,* ***Gordeyev vs Russia*** *(Application no. 40618/04) 5/02/2015)*

*"21. Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista` twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta` smigh xieraq abbazi ta` dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.*

*"22. Jinsab ritenut illi:*

*"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular,* ***Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission****, paragraph 181 and the case-law cited).*

*" …. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular,*

***Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission**, paragraph 182 and the case-law cited).” (**Grand Chamber, Kendrion NV vs European Commission**, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97)*

*“23. Dwar it-tifsira tal-kuncett ta` `zmien ragjonevoli`, l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta` diskrezzjonalita` li jhalli f` idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta` tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f` socjeta` demokratika. (Q.Kos. **Emanuela Brincat vs L-avukat Generali**, 21/2/1996 [Vol.80]). Dan jfisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl taccirkostanzi specjali tieghu.` Q. Kos. **Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali**, 15/12/2015).*

*24. Issir ukoll referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti datata 22 ta` Frar 2013, fl-ismijiet **Emanuel Portelli et v. Avukat Generali et**, fejn dwar dewmien ta` seba` snin sabiex tinghata s-sentenza inghad :*

*“[28] Tosserva wkoll li ma jirrizultax li kien hemm raguni valida li setghet tiggustifika b`xi mod dan id-dewmien ta` seba` snin ghall-ghoti tas-sentenza, liema dewmien ma jistax jitqies bhala wiehed ragjonevoli, anke kkunsidrat il-komplessita` tal-punt legali involut, u ghalhekk dan jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li, ghalkemm ma jidhirx mill-atti li pprezentaw rikors f`dan ir-rigward, izda zgur li l-incertezza li sofrew ghal dan it-tul taz-zmien sabiex tigi determinata l-vertenza kienet raguni ta` anzjeta` u frustrazzjoni ….da parti taghhom, u ta` dan, ghandhom jigu kkumpensati.7”*

*25. Issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea **Richard Anderson v. United Kingdom** deciza fid-9 ta` Frar 2010 8:*

*"As the Court has frequently stated, the State remains responsible for the efficiency of its system; the manner in which it provides for mechanisms to comply with the reasonable time requirement – whether by automatic time-limits and directions or some other method – is for it to decide. If a State allows proceedings to continue beyond the "reasonable time" prescribed by Article 6 of the Convention without doing anything to advance them, it will be responsible for the resultant delay (**Bhandari v. the United Kingdom**, no. 42341/04, § 22, 2 October 2007, together with further references therein)….*

*"39. … it accepts the unreasonable delay in the Court of Session proceedings must have caused the applicant some distress and frustration. As a result he has certainly suffered non-pecuniary damage which is not sufficiently made good by the finding of a violation of the Convention. Ruling on an equitable basis, it awards him EUR 1,500."*

Fid-decizjoni li tat fil-11 ta` Awissu 2003 fil-kawza fl-ismijiet **John Bugeja vs L-Avukat Generali et** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*Jekk id-dewmien tal-proceduri penali ivvjolawx id-dritt fundamentali ta` l-appellant, protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*14. Bit-tieni aggravju, l-appellanti qieghdin isostni li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti konnessi mal-proceduri penali. L-appellanti jikkoncedu l-fatt li dawn il-proceduri damu cirka 19-il sena – zmien li ictu oculi jista` jidher irragonevoli w eccessiv – pero`, l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox certi fatti determinati, migjuba a konjizzjoni taghha, li kellhom iwassluha li tiddeciedi li ma kien hemm l-ebda lezjoni ta` l-artikoli citati mill-appellat. L-appellanti sostnew li d-dewmien fil-proceduri kien, fil-parti l-kbira tieghu, jahti ghalih l-appellat stess. Il-kawza penali kienet tipprezenta certa komplessita` u l-appellat stess baqa` passiv u ma istitwixxa l-ebda att gudizzjarju biex ihaffef l-andament tal-kawza.*

*15. Inoltre, l-appellanti sostnew li s-sentenza ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Kriminali tat il-konsiderazzjoni mehtiega ghall-fattur tad-dewmien, izda minhabba li l-appellat ma wera ebda impenn li jirriforma ruhu fil-pendenza tal-proceduri, dik il-Qorti iddecidiet li huwa ma kellux igawdi xi agevolazzjoni minhabba d-dewmien billi t-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabilita` kriminali tal-hati.*

*16. Dwar dana l-aggravju l-appellat irrefera ghaz-zewg noti ta` sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem l-Ewwel Qorti, u sahaq li l-appellanti qatt ma gabu l-icken prova li d-dewmien lamentat kien ikkagunat mill-appellat.*

*17. Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqaghtet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa` l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema` l-istess kawza li damet.*

*Ikun gudizzju x` aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f` xogholu. Dan ghaliex, fil-verita`, l-abilita`ta` dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno ta` l-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta` kawzi "qodma" (backlog) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta` kawzi godda li jigu assenjati lilu regolarment, u dawk li jista` "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalita`u l-kumplessita`ta` l-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*

*18. Id-dritt fundamentali ta` l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t` amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra ta` l-istat, cjoe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f` pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli.*

*19. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem ghallmet li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni: "…. imposes on the Contracting States the duty to organise their juridical system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision **Salesi vs Italy** (26/02/1993). It wishes to reaffirm the importanceof administerting justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility **Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994) – (ara **A.P. vs Italy** 28/07/1999 Application 35265/97 – para. 18)."*

*20. Biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kawza inqaghtetx fi zmien ragonevoli jew le, wiehed irid iqis il-fattispecji u ccirkostanzi partikolari tal-kaz, fosthom "the complexity of the case, and …. the conduct of both the applicant and the competent authorities (**Buchholz vs Germany** 06/05/1981 para. 49), kif ukoll "the importance of what was at stake for the applicant in the litigation" (**Gast & Popp vs Germany** 25/02/2000 para. 70).*

(ara wkoll : QK : **Edwin Bartolo vs Avukat Generali** : 28 ta` Dicembru 2001 ; PA : Ref. Kost. **Il-Pulizija vs Silvio Zammit** : 26 ta` April 2018 ; PA/K : 16 ta` Marzu 2018 : **Colin John Morland vs The Advocate General)**

Premessa din il-gurisprudenza, il-Qorti sejra tqis l-ilmenti tar-rikorrenti *seriatim*.

Dwar l-ilment illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell gabet fix-xejn is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti hija tal-fehma li l-ilment m`ghandux mis-sewwa.

Ir-rimedju moghti bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali la gie rivedut u lanqas mittiefes.

Il-Qorti tal-Appell gharblet u ddecidiet kwistonijiet purament ta` natura civili u ma dahlitx fl-aspett kostituzzjonali tal-vertenza, anki ghaliex irrispettat il-fatt illi f`dan ir-rigward kien hemm gudikat.

Waqt illi l-attrici ghandha kull jedd ma taqbilx ma` dak il-pronunzjament, il-fatt illi l-Qorti tal-Appell waslet ghall-konkluzjoni li ma kien dovut ebda kumpens pekunjarju lir-rikorrenti certament illi ma jiccentra xejn ma` allegata lezjoni tad-dritt ghal-smigh xieraq.

**Dak l-ewwel ilment dwar vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq qed ikun michud.**

Nigu issa ghall-ilment dwar dewmien.

Il-proceduri damu ghaddejjin hamsa u ghoxrin (25) sena.

Dan it-tul oggettivament imur lil hinn mill-aspettitivi dwar dewmien kif mifhum mill-ECtHR.

Huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti illi tgharbel u tislet sewwa sew il-ghaliex il-proceduri twalu daqstant u allura b`dak id-dewmien esagerat u mhux gustifikat sehhet vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq.

**Fil-kompitu taghha l-Qorti trid tkun gwida minn tliet indikaturi ewlenin :-**

**i) il-kumplessita` tal-kaz ;**
**ii) L-imgieba processwali tal-kontendenti ;**
**iii) Il-kondotta tal-proceduri mill-organu gudizzjarju**

**i) <u>Il-komplessita` tal-kaz</u>**

Mit-talbiet kif dedotti fl-atti tal-kawza 1560/1993, u cioe` dawk li taw bidu ghall-proceduri civili, u kif ukoll mill-eccezzjonijiet li nghataw mill-Bord intimat, jirrizulta illi l-vertenza kienet wahda li timporta certa komplessita`.

In effetti, kienet il-Qorti stess illi b`sentenza *in parte* dderigiet lill-attrici tiftah proceduri kostituzzjonali fil-kuntest ta` dawk civili sabiex *in primis* jigi determinat jekk il-ligi impunjata kinitx effettivament leziva tad-drittijiet fundamentali taghha.

**ii) <u>L-imgieba processwali tal-kontendenti</u>**
**iii) <u>Il-kondotta tal-proceduri mill-organu gudizzjarju</u>**

Dawn il-kriterji se jkunu trattati flimkien.

Sabiex jigu determinati dawn iz-zewg aspetti, irid jittiehed kont tal-process fl-intier tieghu u tal-kronologija tal-fatti kif sehhew.

- **Il-kawza civili giet intavolata fid-9 ta` Dicembru 1993.**

- Il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghall-1 ta` Frar 1994.

- Il-kawza thalliet ghas-sentenza *in parte* kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-26 ta` Gunju 1995. Skont l-istess verbal is-sentenza kellha tinghata fil-5 ta` Ottubru 1995.

- **Kif jirrizulta mill-verbal tal-5 ta` Ottubru 1995 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta` Novembru 1995. Mill-verbali sussegwenti jirrizulta li l-kawza baqghet tigi differita ghall-istess skop sakemm inghatat fis-7 ta` Mejju 1999. Jirrizulta li nghataw ben 15 il-differiment ghall-istess skop. Fil-frattemp, l-attrici ntavolat rikors datat l-1 ta` Dicembru 1998 fejn issollecitat lill-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza**.

- Fit-8 ta` Gunju 1999 l-attrici ntavolat rikors kostituzzjonali li gie appuntat ghas-smigh ghas-17 ta` Gunju 1999. Is-sentenza nghatat fid-19 ta` Ottubru 2000.

- Fil-31 ta` Ottubru 2000 gie ntavolat rikors ta`appell mill-Awtorita` Marittima. Il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghall-20 ta` Novembru 2000. Is-sentenza nghatat fit-2 ta` Novembru 2001. Fil-frattemp inghataw differimenti ghal diversi ragunijiet fosthom il-fatt li l-process Citazz Nru. 1560/93 ma kienx instab. Eventwalment il-process kien rintraccjat u allegat.

- Il-kawza civili giet dikjarata dezerta billi pendenti l-proceduri kostituzzjonali l-process u d-decizjoni *in parte* ma nstabux. Meta nstabu il-kawza regghet giet dikjarata bhala *sine die* pendenti l-proceduri kostituzzjonali.

- B`rikors datat 6 ta` Marzu 2002 l-attrici talbet li l-kawza civili tigi riappuntata ghas-smigh wara l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali. Il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghall-14 ta` Gunju 2002.

- Kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-9 ta` Ottubru 2003 il-kawza marret *sine die* billi d-difensuri tal-partijiet ma dehrux ghas-seduta. Il-kawza regghet giet riappuntata ghas-27 ta` Jannar 2004.

- Ai termini tal-verbal tad-19 ta` Mejju 2005 il-partijiet talbu differiment in vista tal-possibilita` ta` tranzazzjoni. Il-kawza

tkompliet fis-7 ta` Frar 2006 billi t-transazzjoni awspikata ma sehhitx.

- Tul il-proceduri civili quddiem l-Ewwel Qorti inbidlu ben erba` Imhallfin. Inbidel ukoll id-difensur tal-attrici. Dawn il-bidliet gabu maghhom dewmien billi min issuccieda kellu necessarjament bzonn zmien sabiex jiffamiljarizza ruhu mal-process.

- Inghataw tliet differimenti sabiex isir il-kontro-ezami tal-attrici. Kien biss fis-seduta tas-26 ta` Mejju 2011 illi l-konvenut iddikjara li kien qieghed jirrinunzja ghall-kontro-ezami.

- Is-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-process bin-numru 1560/1993 nghatat fl-14 ta` Novembru 2012.

- Is-sentenza kienet appellate fit-30 ta` Novembru 2012. Il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghad-29 ta` Novembru 2016.

- **Is-sentenza finali fil-proceduri civili nghatat fis-26 ta` Mejju 2017.**

**Abbazi ta` dak li sehh fl-iter processwali jirrizulta li kien hemm dewmien bla bzonn u rragonjevoli dovut ghal nuqqasijiet kemm tal-partijiet kif ukoll tal-Qorti.**

Da parti tal-partijiet il-proceduri twalu meta d-difensuri tal-partijiet ma dehrux u anki bit-tul illi hadu n-negozjati intizi li jwasslu ghat-transazzjoni.

**Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li cio` nonostante ma kienx dak id-dewmien li gab pregudizzju.**

Is-sitwazzjoni tiehu xejra ohra meta titqies mil-lenti tal-kondotta tal-proceduri da parti tal-Qorti.

**Jirrizulta illi kien hemm dewmien bla raguni gustifikata qabel ma nghatat is-sentenza in parte.**

Durata ta` erbgha (4) snin bl-ebda ma jista` jkun gustifikat.

L-istess dewmien kien hemm meta l-kawza marret fl-appell.

**Dan ifisser li minn proceduri li hadu 25 sena komplessivament, 8 snin minnhom issarrfu fi stennija ta` azzjoni da parti tal-Qorti.**

**Dan id-dewmien ecceda bil-wisq dak li huwa moralment u legalment accettabbli anke in vista tas-sensittivita` tal-kaz, thares mnejn thares lejh.**

**Din il-Qorti hija tal-fehma li dan id-dewmien bla raguni gustifikata gab lezjoni tal-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq.**

**Ghal din il-lezjoni r-rikorrenti ghandha tircievi kumpens.**

Ghall-kuntrarju tal-fehma espressa mill-Avukat Generali, kien hemm nuqqasijiet lampanti da parti tal-Qorti li wasslu ghal-lezjoni evidenti tad-dritt tal-attrici kif sancit taht l-Art 6(1) tal-Konvenzjoni.

Abbazi ghall-gurisprudenza sovra-citata, ghal dan in-nuqqas huwa responsabbli l-Istat billi huwa dover tal-Istat illi jassigura sistema gudizzjarja effikaci u effettivita`. Fin-nuqqas ta` l-Istat li jaghmel dan, ikun responsabbli ta` lezjoni. U ghal dik il-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb b`kumpens.

**It-tielet lanjanza safejn tolqot il-kwistjoni tad-dewmien qeghda tkun milqugha, waqt li qeghda tkun respinta ghall-bqija.**

**d)** <u>**Ir-raba` lanjanza**</u> **:**
**Allegat ksur tal-art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni**

Dan l-ilment huwa marbut mal-kwistjoni tat-telf tad-danni fil-kawza civili.

**<u>L-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni</u>** jghid :-

> *"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha.*
>
> *Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.*
>
> *Izda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma ghandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.".*

Skont il-gurisprudenza tal-ECtHR, sabiex possediment jikkwalifika ghall-protezzjoni tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, il-possediment irid ikollu valur ekonomiku jew inkella jkun ta` natura pekunjarja

.

**<u>Javier Garcia Roca</u>** u **<u>Pablo Santolaya,</u>** fil-kitba **"<u>Europe of Rights : A Compendium on the European Convention of Human Rights</u>"** ighidu hekk :-

> *"Once recognized, property concept has been given a broad interpretation by ECtHR and includes, for example, credit, title and stocks (Gasus Dossier-und-Fordertechnik GMBH vs The Netherlands, of 23 February 1995); movable and immovable property; financial interests – such as those in a restaurant including alcohol licences (Tre Traktorer v. Sweden,*

*of 7 July 1989); or the binding pecuniary award from an arbitration decision (Greek Refineries and Stratis Andreadis v. Greece, of 9 December 1994).*"

Fid-decizjoni "**Gasus Dosier und Fordertechnik GmbH v The Netherlands**" (1995), l-ECtHR osservat illi sabiex jikkwalifika ghall-harsien mill-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, id-dritt jew l-interess irid ikollu valur ekonomiku jew ikun ta` natura pekunarja. Il-Qorti marret oltre l-kwistjoni ta` titolu. Id-dritt jezisti jekk ikun hemm interess illi jissarraf f`valur ekonomiku.

Skond il-gurisprudenza tal-ECtHR, il-frazi `*possessions*` ghandu "*an autonomous meaning which is certainly not limited ownership of physical goods ; certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as property rights` and thus as possession for the purposes of this provision." (*The European Legal Forum (E) 7-2000/01, 437-444 : **Sebastien Drooghenbroeck** : The concept of possessions within the meaning of Article 1 of the First Protocol to the European Convention for the Protection of Human Rights an d Fundamental Freedoms).

Fil-kaz **Pressos Compania Naviera S.A. and Others v. Belgium**, deciz mill-ECtHR fl-20 ta` Novembru 1995, il-Qorti accettat it-tesi tal-intimat billi qalet hekk :-

"*According to the Government, the applicants` alleged claims could not be regarded as "possessions" within the meaning of Article 1 (P1-1).* ***None of them had been recognised and determined by a judicial decision having final effect.*** *Yet that was the condition for a claim to be certain, current, enforceable and, accordingly, protected by Article 1 (P1-1). Nor, in view of the unexpected and manifestly disputable character of the approach adopted by the Court of Cassation in its judgment of 15 December 1983 (see paragraph 17 above), could the applicants rely on a "legitimate expectation" that they would obtain compensation from the State (see the Pine*

*Valley Developments Ltd and Others v. Ireland judgment of 29 November 1991, Series A no. 222, p. 23, para. 51). That would be to confuse the right of property with a right to property.*

*The Commission accepted this argument in substance.*"

Huwa wkoll ta` relevanza ghall-kaz in dizamina dak illi ntqal mill-ECtHR fil-kaz **Antonakopoulos v. Greece**, li kien deciz fl-14 ta` Dicembru 1999 :-:

*"… as long as the holder of a claim can have a "legitimate expectation" of realizing the claim, that is, that the claim is "sufficiently established" to the extent of being executable, then this claim is in principle to be accepted as on par with "possession" capable of being protected by Article 1 Protocol Number 1*".

Fuq l-istess linja kien il-pronuncjament tal-ECtHR fil-kaz **Saghinadze and others v. Georgia** deciz fis-27 ta` Mejju 2010 fejn kien ritenut illi:

"*The concept of "possessions" is not limited to "existing possessions" but may also cover assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he or she has at least a reasonable and "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right [see, for instance, Prince Hans-Adam II of Liechtenstein v. Germany [GC], no. 42527/98, § 83, ECHR 2001-VIII]. An "expectation" is "legitimate" if it is based on either a legislative provision or a legal act bearing on the property interest in question* [see Kopecký v. Slovakia [GC], no. 44912/98, §§ 45-52, ECHR 2004-IX]".

Fis-sentenza li tat fil-kaz ta` **<u>Barbara vs Onor. Prim Ministru</u>** (20 ta` Jannar 1989), il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

> *"Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi ghandhom ikunu, qabel xejn, ta` natura kummercjali, jew ahjar, ekonomika. Barra minn hekk, dawn l-interessi ghandhom juru sufficentement li huma kapaci "of being realized" b`hekk jirrapprezentaw dik li nsejhulha "legitimate expectation" kif ser naraw aktar `l isfel, u fl-ahharnett, dawn l-interessi legali ghandhom ukoll jimmanifestaw irwiehom u fuq kollox ikunu identifikati.*
>
> *Il-protezzjoni ta` dan l-Artikolu tapplika biss f`kaz li wiehed jista` "lay a claim to the property concerned". Dan l-Artikolu jipprotegi dik il-proprjeta` gia` ezistenti u mhux id-dritt li wiehed jakkwista proprjeta` fil-futur. L-Artikolu 1 Protokol Numru 1, japplika biss, wiehed jista` jinnota, ghall-beni jew possedimenti li persuna diga` ghandha u li diga` qed tgawdi. Irid jigi pruvat mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa ghandu **pretensjoni legali** li jezercita "property rights" – **<u>Zwierzynski v. Poland</u>**, 19 ta` Gunju, 2001.*
> *Sabiex wiehed jitlob u jinvoka l-protezzjoni ta` dan l- Artikolu, wiehed irid ikollu **forma ta` dritt li qed igawdi** li, skond il-Konvenzjoni Ewropea, jigi meqjus bhala "property right" – **<u>S v. United Kingdom</u>** (1986 – Application Number 11716/85).*
>
> *Alternattivament, sabiex "claim" tkun ikkonsiderata bhala "possession" taht Artikolu 1 Protokol Numru 1, ghandu jigi ppruvat li hemm pretensjoni legali li timmerita li tigi akkolta".*
>
> *A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on **a legal provision or a legal act**..." – **<u>Gratzinger and Gratzingerova v. The Czech Republic</u>** (2002).*
>
> *Jekk dan ma jkunx hekk, allura ma jistax jinghad li hemm "legitimate expectation". Dan ifisser illi dik it-talba trid tkun sufficcentament "established to be enforceable" – case of **<u>Burdov v. Russia</u>**, 7 ta` Mejju, 2002; **<u>Timofeyen v. Russia</u>**, 23 ta` Jannar,*

> *2004 u* ***Stran Greek Refineries & Straits Andreadis v. Greece****, 9 ta` Dicembru, 1994. Jekk din it-talba ma tistax tkun imwettqa, allura ma tistax tigi kkwalifikata bhala "possession". Barra minn hekk, gie interpretat ukoll li "a claim" jew talba, tista` tigi kkonsidrata bhala "possession" taht dan l-Artikolu jekk huwa muri li hemm "a legal entitlement", ossia dritt legali ghall-beneficcju ekonomiku ta` dak l-individwu koncernat jew "a legitimate expectation that the entitlement will materlise" –* ***Pressos Compania Naviera S.A. v. Belgium*** *(1995)7 u* ***National and Provincial Building Society v. U.K.*** *(1997).*
>
> *Peress li dan l-Artikolu fil-principju tieghu jeskludi d-dritt ghall-akkwist,* ***Potocka and Others v. Poland*** *(2000), huwa importanti illi kull min igib azzjoni ghall-ksur ta` dan l-Artikolu, jipproduci prima facie evidenza ta` l-ezistenza u l-validita` tat-talba tieghu jew taghha ghal dak il-beni inkwistjoni."*
>
> *Hekk ukoll kif qalet din il-Qorti fil-kawza* ***Zammit v. Ellul Vincenti noe****, deciza fil-31 ta` Lulju, 1996, f`referenza ghall-artikolu wiehed in kwistjoni :*
> *"Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi favur it-tgawdija pacifika tal-possedimenti ta` kull persuna u kontra li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku.Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il-persuni, f`dan il-kaz l-appellant, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possediment li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprivati".* (enfazi mizjud)

Fid-decizjoni li tat fit-23 ta` Marzu 2012 fil-kawza "**Carmel sive Charles Camenzuli et v. Kummissarju ta` l-Artijiet et**" (mhux appellata) din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

> *"Ghalkemm Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jipprovdiniex b`definizzjoni ta` x`jikkonsisti l-kuncett ta` beni jew possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett huwa interpretat b` mod wiesa`. In fatti, f`*

> ***Mellacher vs Austria*** *(19 December 1989), dan il-kuncett giet interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jurix din il-karatteristika ta` valur ekonomiku, dan jeskludi awtomatikament mill-iskop jew l-applikabbilita` ta` dan l-Artikolu.*
>
> *Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk (`A Guide to the Impleme ntation of Article 1 of Protocol Number 1`) infatti, `...the concept of what constitutes property or possessions, in article 1 of Protocol number 1 is wide ... range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests.`*
>
> *Dan l-artikolu ma jillimitax il-protezzjoni li jhaddan lill-proprjeta` fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi l-protezzjoni tieghu ghal interessi ohra."*

Fuq l-istess linji, huma l-osservazzjonijiet li ghamel **Tonio Borg** fil-ktieb "**A Commentary on the Constitution of Malta**" (Kite – 2016 – pag.108) dwar "possediment". Ighid :-

> *"The word "possessions" has a wide meaning. Trading licences, rights, personal or real, over property are considered possessions. (See* ***Victor Spiteri vs Attorney General et*** *(CC) (1 October 2009) (1/08)L "A licence in virtue of which one may exercise a commercial activity is considered as a kind of possession for the purpose of the said article, and the lack of its renewal can amount to an interference or a denial of one`s peaceful enjoyment thereof.") Article 1 also protects legitimate expectations where evidence indicates that an applicant has a claim which he could legitimately expect to be determined in accordance with the ordinary law (of liability for negligence) and therefore a "possession" within the meaning of the first sentence of Article 1 of Protocol 1, which is accordingly applicable in the case. (****Maurice vs France*** *(ECrtHR) (6 October 2005) (11810/03). In* ***Commissioner of Land vs Frank Calleja*** *(CC) (6*

*September 2010) (6/07), the Constitutional Court decided that the retroactive application of a law which prohibited the award of compensation in an amount higher than the one claimed by the owners, when a case before the Land Arbitration Board had been postponed for judgement under the previous law which allowed such liquidation of a higher compensation, was in breach of such legitimate expectation and therefore in breach of Article 1 Protocol 1. However in **Commissioner of Land vs Maria Teresa Deguara Caruana Gatto** (CC) (6 September 2010) (4 & 5/07) the fact that the technical referees had not yet submitted their Report before the Land Arbitration Board when the said retroactive law came into force, militated against a similar claim for legitimate expectation.)*

*In a similar vein it has been decided that a license for a pig breeding farm could not be withdrawn if the operator did not contravene the law. The fact that the authorities allowed construction of dwelling houses next to the farm did not justify the cancellation of such a license. (See **Carmelo Vella et vs Commissioner of Police** (CC) (24 September 2010) (46/05): "In this case it was not the behaviour of the applicant which led to the breach of the regulations relating to the minimum statutory distances but the person who authorised the building in the area around the farmhouse. If, in this way, a situation arose creating public health problems, applicant should not suffer the consequences of these decisions".) Such a cancellation amounted to a breach of Article 1 Protocol 1."*

Ta` rilevanza ghall-kaz in dizamina huwa l-insenjament li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **John Bugeja v Prim Ministru et** deciza fis-26 ta` April 2013 fejn irrimarkat illi :-

*"F`dan il-kaz id-dritt pretiz mir-rikorrenti huwa ghal kollox kontestat mill-intimati li jsostnu li r-rikorrenti assolutament ma ghandhomx id-dritt li jippretendu. Kien ikun differenti li kieku r-rikorrenti ssottomettew il-pretensjoni taghhom quddiem il-Qorti kompetenti fil-konfront tal-*

*partijiet intimati, ghaliex fl-eventwalita` li d-dritt pretiz minnhom jigi kanonizzat gudizzjarjament allura ma kienx ikun hemm dubbju dwar l-ezistenza u l-estensjoni tad-dritt minnhom pretiz u dwar l-enforzabbilita` tieghu li b`hekk jakkwista n-natura ta` dritt kwezit li jidhol jifforma parti mill-assi tar-rikorrenti. (Ara Q. App.* ***Oliver Siracusa noe. v Prim Ministru noe. et****, 16/11/1989).*

*…*

*Ir-rikorrenti tal-anqas sa minn meta pprezentaw ir-rikors taghhom ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kienu jafu li l-pretensjoni taghhom kienet qed tigi kontestata u rezistita mill-Awtorita` kompetenti u li ghalhekk il-legittimita` tal-pretensjoni taghhom setghet tigi stabbilita biss billi tigi accertata gudizzjarjament quddiem il-Qorti kompetenti ta` gurisdizzjoni ordinarja. Ir-rikorrenti, izda, ma adixxewx lil dik il-qorti qabel intentaw il-proceduri kostituzzjonali prezenti bil-konsegwenza li sabu ruhhom f`pozizzjoni li ma jistghux jissodisfaw lil din il-Qorti li huma verament ghandhom fost l-assi taghhom il-possediment konsistenti fid-dritt permanenti ghal irmig ghal zmien indefinit kif pretiz minnhom. Anzi, is-sentenzi tal-qrati huma pjuttost fid-direzzjoni opposta.*

*39. Huwa minnu li n-nuqqas ta` ezawriment tar-rimedji ordinarji ma jistax izjed f`dan l-istadju jigi invokat mill-intimati sabiex jinducu lil din il-Qort tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha anki ghaliex, safejn l-appell tal-Avukat Generali seta` jiftiehem li kien qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata f`dan ir-rigward, dan gie minn din il-Qorti michud.*

*40. B`danakollu il-fatt li l-appellati ma adixxewx lill-Qorti ta` kompetenza ordinarja sabiex id-dritt pretiz minnhom jigi rikonoxxut gudizzjarjament fid-dawl tad-dissens tal-intimati iqeghdhom fl-impossibbilita` li jippruvaw ghas-sodisfazzjon ta` din il-Qorti li huma tassew ghandhom il-possediment li jilmentaw li qed jigu jew ser jigu privi minnu.*

*41. Fid-dawl tal-konkluzjoni appena raggunta li ma giex pruvat li r-rikorrenti kellhom bhala parti mill-possedimenti taghhom id-dritt minnhom pretiz, anqas jistghu r-rikorrenti jinvokaw xi legitimate expectation li ma jittehdilhomx dritt li fil-fatt ma jirrizultax li kellhom.*

*42. F`dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorit ma tista` qatt issib li gie vjolat id-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif sancit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jew kif sancit bl-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u in vista ta` dan ma hemm ebda htiega li din il-Qorti tidhol biex tikkonsidra l-aggravji l-ohra tal-appellanti."*

Fl-isfond ta` dan kollu, dak li ghandu jigi evalwat huwa jekk ir-rikorrenti ghandhiex "*possediment*" ghall-finijiet tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni u ghandhiex "*proprjeta`*" jew tal-anqas xi "*interess fi jew dritt fuq proprjeta`*".

Jekk ma jirrizultawx dawn l-elementi, il-Qorti ma tkunx tista` ssib vjolazzjoni.

Il-possediment reklamat mill-attrici jikkonsisti fid-danni likwidati mill-Ewwel Qorti.

Permezz tal-azzjoni civili, l-attrici ppretendiet illi kellha tinghata rimedju ghaliex fin-nuqqas hija kienet ser issofri diskriminazzjoni u pregudizzju.

Il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti qatt ma kellha aspettattiva legittima li kienet sejra tikseb xi rimedju ghal zewg ragunijiet:

- fl-ewwel lok ghaliex il-ligi in vigore meta nbdew il-proceduri kienet tqieghed ostaklu ghall-pretensjoni taghha ;

- fit-tieni lok ghaliex meta nbdew il-proceduri, l-attrici ma kinitx taf jekk il-licenzja ta` missierha kenitx ser tinghata lil haddiehor u jekk fl-affermattiv kienitx ser tinhareg xorta wahda licenzja ohra favur taghha.

Il-Qorti zzid tghid illi l-pozizzjoni tal-attrici kienet tkun ferm differenti li kieku fiz-zmien li ressqet it-talba taghha ma kienx hemm dak l-ostaklu u t-talba taghha sabiex tirregistra isimha bhala werrieta tal-licenzja ta` missierha kienet tigi rifjutata minghajr ragun valida.

Li kieku dak kien il-kaz hemm allura l-attrici kien verament ikollha aspettattiva legittima.

Mentri fil-kaz tal-lum qatt ma seta` jkun hemm dik l-aspettattiva billi mhux biss kien hemm vertenza dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligijiet in vigore talli sahansitra il-Bord intimat dejjem ikkontesta d-drittjiet pretizi mill-attrici.

Il-legittimita` tal-pretensjoni tar-rikorrenti setghet tigi stabbilita biss permezz tal-qrati.

Il-Qorti ssib illi meta r-rikorrenti ottjeniet dikjarazzjoni gudizzjarja illi kienet sehhet lezjoni tad-dritt sancit skont l-Art 45 tal-Kostituzzjoni u skont l-Art 14 abbinat mal-Art 3 tal-Konvenzjoni, hija nghatat ukoll rimedju, ghalkemm mhux wiehed pekunjarju.

Dak il-gudikat pero` ma kienx awtomatikament igib mieghu dritt ghal risarciment fi flus.

Dak id-dritt kellu jkun stabbilit mill-qrati civili.

Id-danni likwidati mill-Ewwel Qorti ma jistghu qatt jitqiesu bhala *possedimenti* ladarba l-likwidazzjoni kienet revokata bid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell.

**Anke din il-lanjanza qeghda tkun respinta.**

**e) <u>Il-hames lanjanza</u> :**
**Allegat ksur tal-Art 13 tal-Konvenzjoni**

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

> "*Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f`din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f`kariga ufficjali.*"

Tifsira ta` xi jfisser rimedju ma tirrizultax.

Fl-istess waqt tajjeb jinghad illi jista` jinghata kwalunkwe tip ta` rimedju dment illi jkun effettiv sia fil-prattika kif ukoll fil-ligi.

L-ghamla tar-rimedju jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ta` nteress huwa l-izvilupp li sehh fir-rigward tal-Art 13.

Fil-kazistika tal-ECtHR jirrizulta illi ghall-ewwel kien hemm tendenza illi meta tinstab vjolazzjoni tal-Art 6 ma tkunx meqjusa l-applikabilita` o meno tal-Art 13.

Maz-zmien dan l-approcc kien ripensat.

Issir referenza ghall-kaz **<u>W, B and R v. United Kingdom</u>** deciz mill-ECtHR fit 8 ta` Lulju 1987 fejn inghad:

> "*We are not quite sure that such examination [under Article 13 ECHR, MK] was made superfluous by the finding of a violation, in the case of the applicant, of the entitlement to a hearing by a tribunal within the meaning of Article 6 §1. Are the `less strict` requirements of Article 13 truly `absorbed` by those of Article 6 §1? Do these provisions really `overlap`? It appears to us that the relationship between the right to be heard by a tribunal, within the meaning of Article 6 §1, and the right to an effective remedy before a national authority, within the meaning of Article 13, should be considered more thoroughly.*"

Fil-kaz ta` **<u>Kudla v. Poland</u>** deciz fis-26 ta` Ottubru 2000 l-ECtHR irrimarkat :-

> "*The question of whether the applicant in a given case did benefit from trial within a reasonable time in the determination of civil rights and obligations or a criminal charge is a separate legal issue from that of whether there was available to the applicant under domestic law an effective remedy to ventilate a complaint on that ground. ... [T]he Court now perceives the need to examine the applicant`s complaint under Article 13 taken separately, notwithstanding its earlier finding of a violation of Article 6 § 1 for failure to try him within a reasonable time.*"

Fil-kaz ta` **<u>Scordino v. Italy</u>** deciz fid-29 ta` Marzu 2006 l-ECtHR affermat :-

> “*the reason [the Court] has been led to rule on so many length-of-proceedings cases is because certain Contracting Parties have for years failed to comply with the `reasonable time` requirement under Article 6 § 1 and have not provided a domestic remedy for this type of complaint*”

Fil-kaz ta` **<u>McFarlane v. Ireland</u>** deciz fl-10 ta` Settembru 2010 l-ECtHR irrilevat :-

> “*Article 13 also allows a State to choose between a remedy which can expedite pending proceedings or a remedy post factum in damages for delay that has already occurred. While the former is preferred as it is preventative of delay, a compensatory remedy may be regarded as effective when the proceedings have already been excessively long and a preventative remedy did not exist (Kudła v. Poland [GC], cited above, § 158; Mifsud v. France, cited above, and Scordino v. Italy (no. 1), [GC], cited above, § 187).*”

**<u>Martin Kuijer</u>** fil-kitba tieghu : “**<u>Effective Remedies as a Fundamental Right</u>” :** Seminar on Human Rights and Access to Justice in the EU: European Judicial Training Network : 2014 : ighid :-

> “*The Court demands a domestic remedy to deal with the substance of an “arguable complaint” under the Convention. Article 13 does not require a domestic remedy in respect of any supposed grievance, no matter how unmeritorious; the claim of a violation must be an arguable one. The question of whether the claim is arguable should be determined in the light of the particular facts and the nature of the legal issue or issues raised.*
>
> *Likewise, the domestic remedy should be able to grant appropriate relief. The latter condition is to*

*say that the `authority` needs to be competent to take binding decisions (which means that an Ombudsman does not meet the required standards) and that it should be competent to order restitutio in integrum or award damages. Likewise, the notion of an effective remedy under Article 13 requires that the remedy may prevent the execution of measures that are contrary to the Convention and whose effects are potentially irreversible.*

*The remedy required by Article 13 needs to be "effective" in practice as well as in law. Its effectiveness does not, however, depend on the certainty of a favourable outcome for the applicant.*

*…*

*We should therefore look at two types of remedies: the `preventive` remedy and the `compensatory` remedy. Prevention is – as always – the best solution. Preferably, there should be a remedy in place designed to expedite the proceedings in order to prevent them from being excessively lengthy. However, there is very little in the Court`s case-law to shed light on how such a preventive remedy could look like. As for the compensatory remedy, the Court`s case-law can be summarised as follows:*

- *If there has been a violation of the reasonable time requirement as set out in Article 6, there should be a finding of such a violation by the domestic authority which is binding;*

- *The remedy needs to be `effective, adequate and accessible`, i.e. excessive delays in an action for compensation will affect whether the remedy can be considered `adequate`. Likewise, the*

*`accessibility` of the remedy could be affected by the rules regarding legal costs.*

• *There should be `appropriate and sufficient` redress, which means inter alia that the compensation should be paid without undue delay (i.e. six months from the date on which the decision awarding compensation became enforceable). In addition, the amount of compensation paid by the domestic authority should not vary too much from the standards concerning financial compensation developed by the European Court. However, in some cases, the length of proceedings may result in only minimal non-pecuniary damage or no non-pecuniary damage at all. The domestic courts will then have to justify their decision by giving sufficient reasons.*

• *Basic principles of `fairness` guaranteed by Article 6 of the ECHR should be respected by the domestic authority in the compensatory proceedings.*"

(ara: **<u>Scordino v Italy</u>** (No. 1), deciza fid-29 ta` Marzu 2006)

Din il-gurisprudenza taghti direzzjoni fis-sens illi l-Art 13 ma jitlob ebda procedura partikolari ghall-applikazzjoni tieghu.

Kull ma jehtieg huwa li jkun offrut rimedju effettiv minn awtorita` bhal ma hija l-Qorti.

Fejn il-ligi ordinarja tonqos milli tipprovdi rimedju ghal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali, Qorti ta` indole Kostituzzjonali ghandha s-setgha illi toffri rimedju effettiv hija stess, dment illi min jirrikorri ghandha jipprova l-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu..

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-jedd ghal smigh xieraq tar-rikorrenti kif fuq inghad.

Ghax hekk kien il-kaz sejra tillikwida kumpens.

**Wara li hadet kont ta` kollox, u qieset il-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-Qorti qeghda tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta` ghaxart elef Ewro (€10,000) bhala kumpens morali favur ir-rikorrenti ghall-vjolazzjoni kkagunata bid-dewmien. Waslet ghal din il-figura *anke* wara li kkunsidrat dak li kienet iddeciediet hija stess fid-29 ta` Ottubru 2015 fil-kawza fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs Avukat Generali" li minnha ma kienx hemm appell.**

**Ghal dan il-kumpens ghandu jaghmel tajjeb l-Istat li huwa rapprezentat mill-Avukat Generali.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt illi qeghda tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Joseph Degabriele noe, qeghda taqta` u tiddeciedi dwar it-talbiet, u dwar l-eccezzjonijiet l-ohra billi :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara li qeghda ssib, kif fuq dettaljat, vjolazzjoni biss tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif imhares bl-Art 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.**

**Tichad it-tieni u tielet talbiet tar-rikorrenti.**

**Tilqa` r-raba` talba limitatament billi unikament ghall-fini tal-vjolazzjoni subita mir-rikorrenti tal-jedd taghha hekk kif tutelat bl-Art 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali qeghda tillikwida favur taghha kumpens morali fl-ammont ta` ghaxart elef Ewro (€10,000).**

**Tordna lill-intimat Avukat Generali sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**